**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT INKWIRENTI**

**DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

000001

**Illum** 21 ta' Lulju 2023

**FL-ATTI TAL-INKJESTA DWAR INCIDENT FATALI GEWWA SIT TA' KOSTRUZZJONI GEWWA QASAM INDUSTRIJALI KORDIN NHAR IT-3 TA' DICEMBRU 2022 FEJN TILEF HAJTU JEAN PAUL SOFIA DETENTUR TAL-KARTA TAL-IDENTITA 291502(L)**

**PROCEŚ-VERBAL**

Fuq rapport verbali tal-Ispettur Antonello Magri tat-3 ta' Dicembru 2022 ikkonfermat bil-miktub b'rapportipprezentat fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Dicembru 2022, il-Magistrat Inkwirenti kienet infurmata illi nhar it-3 ta' Dicembru 2022 ghall-habta ta' 10:13hrs ircivew telefonata gewwa l-ghassa ta' Rahal Gdid mill-kamra tal-kontroll tal-Pulizija fejn PC69 informa lil dan id-divizjon illi gewwa z-zona industrijali ta' Kordin qrib l-istazzjon tal-Protezzjoni Civili, kien ceda saqaf ta' binja li ghadha sit ta' kostruzzjoni bil-possibilta li inqabdu xi haddiema taht it-tifrik.

PS462 Darren Farrugia flimkien ma' l-Ispettur Antonello Magri irrikorrew immedjatament fuq il-post fejn hemmhekk kienu diga prezenti numru ta' ufficjali tal-Protezzjoni Civili kif ukoll teamijiet ta' l-ambulanzi mill-Isptar Mater Dei. Fost dawn kien hemm id-diretturi tal-Protezzjoni Civili u Dr. Michael Spiteri mid-dipartiment ta' l-emergenza ta' l-Isptar Mater Dei. Fuq il-post assistew ukoll Pulizija mit-taqsima ta' l-RIU sabiex tigi kkontrollata z-zona f'kaz li jkun hemm individwi fiz-zona li jistghu jtellfu l-operazzjonijiet ta' salvatagg. Assistew ukoll Pulizija tat-traffiku u ufficjali ta' Transport Malta sabiex jinghalqu t-toroq tal-madwar u jkun ikkontrollat it-traffiku.

Fuq il-post gew innutati crane bil-pompa Reg No: MAS 020, Ready Mix Reg No: DCI 357 u truck zghir bil-jib ta' crane fuq il-parti ta' wara Reg No: CBW 305.

Gie mitkellem Kenneth Cassar ID:318076(M) fil-kapacita tieghu bhala owner tal-kumpanija 'Extreme Effects' li tinsab biswit il-binja li ggarfet. Meta mistoqsi ghall-verzjoni tieghu hu stqarr "smajt hoss kbir x'hin kont l-ufficju u mil-kamera tas-sigurta rajt il-binja niezla, smajt lin-nies jghajjtu u cempilt ghall-ghajnuna" Kenneth gie infurmat mill-Pulizija sabiex jippreserva l-filmati tas-sigurta peress li dawn setghu jservu ta' ghajnuna fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija.

Fuq il-post waslu l-owners tal-kumpanija 'White Frost' [recte Allplus Ltd] li huma s-sidien tal-binja involuta f'dan l-incident, Matthew Schembri ID:73785(M), u Kurt Buhagiar ID:319784(M) fejn gew mitluba sabiex jghaddu d-dettalji lill-Pulizija ta' kemm kien hemm nies xoghol fuq il-post li setghu kienu midruba sabiex jigu mfittxija mill-membri tal-Protezzjoni Civili. Ghal dan huma stqarru li ma kienux certi. Fuq il-post kien hemm ukoll il-kuntrattur Milomir Jovicevic ID:178806(A) illi kien jipprovdi xi haddiema biex jahdmu fuq is-sit tal-kostruzzjoni.

Waslet fuq il-post il-Perit inkarigata mix-xoghol li kien qieghed isir fuq il-binja, Perit Adriana Zammit ID:135888(M). Fuq il-post il-Perit ittiehdet gewwa ambulanza li kienet prezenti minhabba x-xokk vizibbli li kellha.

Irrikorrew fuq il-post il-haddiema ta' l-OHSA, Charles Micallef ID:394571(M) flimkien ma' kollegi tieghu Clint Cachia No:201510 u Shylon Muscat No:201511.

Gie mitkellem Sammy Curtis David [sic] ID:169801(L) fejn stqarr illi waqt il-hin ta' l-incident hu kien qieghed jopera mar-Ready Mix fuq barra tal-binja. Curtis gie ccekkjat fuq il-post minn team mediku minhabba ugigh li kellu f'saqajh fejn wara hu ttiehed gewwa l-Isptar Mater Dei ghal aktar kura.

Il-Pulizija giet infurmata li midrubin fil-binja kien hemm 6 persuni. Ghaldaqstant bdiet tfittxija intensiva mil-membri tal-Protezzjoni Civili sabiex jibdew jigu mahruga l-individwi li nqabdu taht it-tifrik.

Il-vittmi tal-persuni (sic) li nhargu minn taht it-tifrik u li ttiehdu gewwa l-Isptar Mater Dei huma:

Carku Luzim ID: 225447(A)
Carku Gentjan ID: 286829(A)
Carku Dennis ID: 1152739F
Laketic Vladimir ID: 1152742F
Sammy Curtis ID: 169801L

Il-Pulizija giet infurmata li kien hemm haddiem iehor li jinsab maqbud u ghadu ma harigx mit-tifrik. Dan irrizulta li jismu Jean Paul Sofia ID: 291502(L). Saret localization tal-mobile ta' Jean Paul fuq talba tas-Superitendent J. Borg sabiex jigi vverifikat li hu kien jinsab hemmhekk u din l-localization irrizultat li fid-09:51hrs il-mobile ta' Jean Paul bin-numru 79426890 indika li kien jinsab fil-post imsemmi.

Haddiem iehor li kien fuq il-post ta' l-incident kien Boris Cutajar ID: 604496(M) fejn meta mistoqsi ghall-verzjoni tieghu hu stqarr:

"Kont mal-pompa fuq is-saqaf, smajna t-tfaqqieh, harist lura u rajt il-binja titlaq mil-parti ta' wara. Jien tlaqt nigri u zammejt mal-pipe tal-pompa. Konna jien u 4 haddiema ohra barranin."

Biswit il-binja fejn gara l-incident tinsab il-binja tal-kumpanija Garcia Woodworks fejn taghha gie mitkellem Roderick Garcia ID: 208284(M) fil-kapacita tieghu bhala l-owner ta' l-imsemmija kumpanija. Hu gie mitlub mil-Pulizija sabiex il-Pulizija flimkien ma' haddiema tal-Protezzjoni Civili jaraw il-filmati tas-sigurta li gew irrikordjati mil-kameras li ghandu installati mal-binja tieghu sabiex il-membri tal-Protezzjoni Civili jkunu jistghu janalizzaw il-filmati sabiex isir tentattiv fejn setghet kienet l-ahhar zona li kien fiha Jean Paul Sofia qabel ma ceda l-bini. Mill-filmati gie nnutat illi l-binja cediet ghall-habta ta' l-09:53hrs.

PC1422 stazzjonat gewwa l-Isptar Mater Dei informa lil dan id-divizjon dwar il-kundizzjonijiet tal-vittmi hekk kif gej:

Laketic Vladimir jinsab fil-periklu tal-mewt. Hu gie ccertifikat minn Dr. Rene Camilleri Med Reg: 3025

Carku Gentjan jinsab fil-periklu tal-mewt. Hu gie ccertifikat minn Dr. James Borg Med Reg: 3668.

Carku Luzim qieghed isofri minn griehi gravi. Hu gie ccertifikat minn Dr. Justine de Gray Med Reg: 3966.

Carku Dennis qieghed isofri minn griehi gravi. Hu gie ccertifikat minn Dr. Leigh Calleja Med Reg: 3952.

Sammy Curtis kien qieghed isofri minn griehi ta' natura gravi. Hu gie ccertifikat minn Dr Jack Vella Med Reg: 6564.

Jean Paul Sofia ID: 291502L gie imtella minn gos-sit ta' kostruzzjoni ghal habta tas-02:11hrs fejn huwa gie ccertifikat mejjet minn Dr. Michael Spiteri MD 226. Il-gisem ta' Jean Paul gie mehud bil-hers gewwa l-Isptar Mater Dei.

Il-Pulizija talbet lill-Magistrat Inkwerenti sabiex taghtiha l-istruzzjonijiet kollha mehtiega skond il-Kodici Kriminali u biex jittiehdu dawk il-proceduri mehtiega skont l-Artikoli 540 u 546 'et sequitur' tal-istess Kodici.

Fuq tali rapport, il-Magistrat Inkwirenti innominat lis-segwenti:

**Il-Perit Prof. Alex Torpiano** bhala Perit Arkitett sabiex jaghmel il-konstazzjonijiet forensici relevanti, jirrelata dwar il-kawza tal-kollass tal-binja in kwistjoni, u jaghmel kull haga ohra li jidhirlu li hija rilevanti u opportuna ghall-fini tal-inkarigu tieghu.

**Keith Cutajar** bhala Espert tal-Informatika sabiex jeleva l-filmati kollha relevanti minn CCTV cameras, u filmati relevanti ohra, jippreżerva u jeżamina l-istess filmati, johrog stills minnhom u jgħamel analiżi tal-mobile phone ta' Jean Paul Sofia.

**Dr Mario Scerri** bhala Espert Medikolegali sabiex jezamina, jaghmel il-konstatazzjonijiet forensici relevanti u jirrelata dwar griehi li garrbu Vladimir Laketic, Gentjan Carku, Lulzim Carku, Denis Carku u Sammy David Curtis u l-mewt ta' Jean Paul Sofia

**Francesco Degabriele** jiehu filmati u ritratti bl-uzu ta' drone waqt l-operazzjoni ta' salvatagg tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili;

**Dr Ali Sarfraz** u **Dr David Pisani** bhala Esperti Patologisti sabiex jaghmlu l-awtopsja tal-kadavru ta' Jean Paul Sofia

**PS 2424 Abigail Grech** u **PS2293 Michelle Camilleri** bhala Scene of Crime Officers sabiex jaghmlu x-xoghol forensiku necessarju in konnessjoni mal-incident in kwistjoni, liema xoghol ghandu jinkludi t-tehid ta' ritratti, tiftix ghal evidenza forensika, u elevar ta' oggetti u kampjuni necessarji.

Hlief ghas-Scene of the Crime Officers, l-esperti nominati kellhom il-fakolta` li jisimghu bil-gurament ix-xhieda kollha relevanti u opportuni ghall-ezekuzzjoni tal-inkarigu taghhom. Il-persuni kollha nominati kellhom jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha rilevanti u opportuni ghall-fini tal-inkarigu taghhom u kellhom jirrelataw minghajr dewmien.

Nhar **it-3 ta' Dicembru 2022** stess, dak in-nhar tal-incident, il-Magistrat Inkwirenti zammet zewg accessi fuq il-post tal-incident, sabiex taghmel il-konstatazzjonijiet necessarji u tistabbilixxi il-fatti. Prezenti waqt dawn iz-zewg accessi kien hemm ukoll l-ufficjal investigatur **l-ispettur Antonello Magri u l-esperti l-Perit Prof. Alex Torpiano u Keith Cutajar** u diversi ufficjali tal-Pulizija u tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili.

Nhar **l-4 ta' Dicembru 2022**, l-ghada tal-incident kmieni fil-ghodu, il-Magistrat Inkwerenti zammet access iehor fuq il-post tal-incident, wara li giet infurmata li kien ghadu kemm instab il-katavru ta' Jean Paul Sofia. Prezenti waqt dan l-access kien hemm ukoll l-ufficjal investigatur l-ispettur Antonello Magri, ufficjali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili u t-tabib Dr Michael Spiteri mid-dipartiment tal-emergenza tal-Isptar Mater Dei.

B'digriet tas-**6 ta' Dicembru 2022** il-Magistrat Inkwirenti cahdet it-talba tal-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol (OHSA), fir-rikors taghha tal-5 ta' Dicembru 2022, sabiex ufficjali taghha jkunu prezenti waqt is-smiegh tax-xhieda mis-sottoskritta, u dan stante

illi l-ebda disposizzjoni tal-ligi ma tikkontempla dak li talbet l-Awtorita rikorrenti, u ai termini tal-Artikolu 518 tal-Kodici Kriminali l-atti tal-inkjesti, inkluzi x-xhieda u d-dokumenti, ma jistghu jintwerew lil hadd.

Il-Maġistrat Inkwirenti żammet seduta nhar is-**6 ta' Dicembru 2022** u semgħet ix-xhieda ta':

**Dr Michael Spiteri (tabib konsulent fid-dipartiment tal-emergenza tal-Isptar Mater Dei)** li prezenta:
Dok MS1 – faxxikolu ta' 6 ritratti immarkati individwalment minn 1-6
Dok MS2 – pen drive kontenenti l-faxxikolu tas-sitt ritratti mmarkati bhala Dok MS1.

**Kenneth Cassar (direttur tas-socjeta Extreme Effects Limited)**

**Kurt Buhagiar (direttur tas-socjeta Allplus Limited)** assistit minn Dottor Franco Debono u Dottor Arthur Azzopardi, wara li inghata d-debita twissija skond il-ligi.

**Matthew Schembri (direttur tas-socjeta Allplus Limited)** assistit minn Dottor Franco Debono u Dottor Arthur Azzopardi wara li inghata d-debita twissija skond il-ligi. Dan ix-xhud ipprezenta:
Dok SM1- hames pjanti mmarkati individwalment minn 1-5
Dok SM2 - tlett pjanti strutturali mmarkati individwalment minn 1-3
Dok SM3 - faxxikolu kontenenti 109 ritratt mmarkati minn 1-109

**Joseph Attard (Chief Executive Officer tas-socjeta INDIS Malta Limited)** li prezenta:
Dok JA1 – kuntratt bejn Malta Industrial Parks u All Plus Ltd
Dok JA2 – request to endorse DN 360/20
Dok JA3 – request to endorse DN 275/22

**Boris Cutajar (operator ta' pompa tal-konkos li kienet fuq is-sit)**

**Ian Galea (rapprezentant mal-Awtorita tal-Ippjanar)** li prezenta:
Dok IG1 - applikazzjoni DN 360/20
Dok IG2 – approvazzjoni tal-applikazzjoni DN 360/20

Dok IG3 – applikazzjoni DN 275/22

Dok IG4 – approvazzjoni tal-applikazzjoni DN 275/22

Dok IG5 – commencement notice datata 15/05/2020

**Sean Mizzi (rapprezentant tal-Awtorita tal-Bini u Kostruzzjoni)** li prezenta:

Dok BCA1 – dokumenti fuq l-applikazzjoni DN 360/20

Dok BCA2 - dokumenti fuq l-applikazzjoni DN 275/222

B'digriet tat-**7 ta' Dicembru 2022** il-Magistrat Inkwirenti laqghet it-talba tal-espert il-Perit Prof. Alex Torpiano, fir-rikors tieghu tas-7 ta' Dicembru 2022, sabiex jitwaqqghu z-zewg sulari ta' fuq tal-parti li baqghet wieqfa tal-binja mertu ta' din l-inkjesta, stante li huma fil-perikolu li jikkrollaw, kif ukoll sabiex jitwaqqghu partijiet ohra tal-binja li jistghu jinkixfu waqt din l-operazzjoni li huma perikoluzi, biex b'hekk meta s-sit ikun sigur, tkun tista' titkompla l-operazzjoni tat-tnehhija tat-tifrik u t-tindif tas-sit, anke biex tista' tigi spezzjonata l-parti inferjuri tal-binja u tas-sit. Fl-istess digriet, is-sottoskritta hatret lil **Emanuel Vella** bhala kuntrattur sabiex jassisti lill-istess Perit fid-demolizzjoni ta' dawn iz-zewg sulari u fi kwalunkwe mizura ohra sabiex is-sit ma jkun ta' perikolu ghal hadd u sabiex jassisti bi kwalunkwe mod iehor lill-Perit fl-indagni li jrid jaghmel sabiex jespleta l-inkarigu lilu moghti mis-sottoskritta.

Fid-**9 ta' Dicembru 2022,** Matthew Schembri ipprezenta nota maghha annetta *inter alia* zewg pen drives, kontenenti kopja elettronika tar-ritratti li huwa ippresenta fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2022 (Dok SM3).

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar **l-20 ta' Dicembru 2022** u semghet ix-xhieda ta:

**Dr Mark Gauci (Kap Ezekuttiv tal-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol "OHSA")**

**Ian Napier (general manager ta' Polidano Brothers Ltd.)** li prezenta:

Dok IN1- 12-il invoice ta' bricks li whud minnhom ghandhom id-delivery note annessa

Dok IN2 – dokument ta' Polidano Brothers Ltd. dwar Factory Production Control

Dok IN3 – certifikat of Conformity of the Factory Production Control

Dok IN4 – invoice u delivery note ta' planki

Dok IN5 – standard operation procedure tal-bricks

Dok IN6 – standard operation procedure tal-planki

Dok IN7 – 11-il invoice tal-konkos li whud minnhom ghandhom id-delivery note annessa maghhom

Dok IN8 – 8 testing certificates tal-konkrit

Dok IN9 – standard operation procedure ghall-manifattura tal-konkrit

Dok IN10 – standard operation procedure tal-production process tal-konkrit

Dok IN11- 9 invoices u d-dokumentazzjoni relattiva ghal kull invoice tal-hadid supplit

**Denies (recte Denis) Carku (haddiem li kien fuq is-sit in kwistjoni)**

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar is-**6 ta' Jannar 2023** u semgħet ix-xhieda ta':

**Louis Buhagiar (rapprezentant tal-Jobsplus)** li prezenta:

Dok LB1 – job history ta' Jean Paul Sofia

Dok LB2 – lista ta' persuni li kienu jew ghadhom jahdmu mas-socjeta Milmar Construction Ltd.

**Claudette Fenech (rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpaniji)** li prezentat:

Dok CF1 – Memorandum and Articles tas-socjeta Allplus Ltd

Dok CF2 – Memorandum and Articles tas-socjeta Milmar Construction Ltd

**Ian Napier (general manager ta' Polidano Brothers Ltd.)** li prezenta:

Dok IN12 - 7 invoices ghall-bricks mahruga lis-socjeta White Frost Company Ltd u c-certifikat tat-testing relattiv ghal kull materjal mibjugh

Dok IN13 – invoice ghall-planki mahruga lis-socjeta White Frost Company Ltd u c-certifikat tat-testing relattiv

Dok IN14 – 2 invoices ghall-concrete mahruga lill-White Frost Company Ltd u certifikat tat-testing relattiv

**Aldo Foti (technician tal-konkrit ma' Polidano Group)**

**Sammy David Curtis (haddiem ta' Denfar Concrete Supplies Ltd)** 000009

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar il-**11 ta' Jannar 2023** u semgħet ix-xhieda ta:

**Louis Buhagiar (rapprezentant ta' Jobsplus)**

**Ian Napier (general manager ta' Polidano Brothers** Ltd) li prezenta:
Dok IN 14 - kopja tac-certifikat mediku ta' Alfio Foti
Dok IN15 - biljett tal-ajru ta' Kurt Debono
Dok IN16 – section drawings tal-planki
Dok IN17 – estratti mid-diary tal-ordnijiet tal-materjal

**John Muscat (bennej)** assistit minn Dottor Marion Camilleri, u wara li ingħata d-debita twissija skond il-ligi.

**Milomar (recte Milomir) Jovicevic (direttur ta' Milmar Construction Limited)** assistit minn Dottor Timothy Bartolo u wara li ingħata d-debita twissija, skond il-ligi.

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar it-**18 ta' Jannar 2023** u semgħet ix-xhieda ta:

**Louis Buhagiar** (rapprezentant ta' Jobsplus) li prezenta:
Dok LB3 – employment history ta' Milomir Jovicevic

**Sean Mizzi (rapprezentant tal-Awtorita tal-Bini u Kostruzzjoni)** li prezenta:
Dok SM3 – kopja tal-licenzja ta' bennej ta' John Muscat

**Roderick Garcia**

**Alfio Foti**:
Dok AF1 – dokument tat-testijiet tal-konkos li saru fit 18 ta' Novembru 2022

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar is-**26 ta' Jannar 2023** u semgħet ix-xhieda ta:

**Kurt Debono (salesperson ma' Polidano Brothers Ltd)** li prezenta:
Dok KD1 – disa' faccati ta' diary kontenenti ordnijiet tal-konkos minghand Allplus Ltd
Dok KD2 – faxxikolu tal-ordinijiet kollha tal-Allplus Ltd

**Joseph Saliba (rapprezentant tal-Awtorita tal-Bini u Kostruzzjoni)** li pprezenta:
Dok JS1 – fotokopja tal-licenzja ta' bennej ta' John Muscat

**Vladimir Laketic (haddiem li kien fuq is-sit in kwistjoni)** tramite video link mill-isptar Mater Dei

F'din is-seduta dehret ukoll ix-xhud **il-Perit Adriana Zammit** assistita minn Dottor Stephen Tonna Lowell. Peress li fl-istess seduta l-Magistrat Inkwerenti cahdet ir-rikors tal-Perit Adriana Zammit tal-25 ta' Jannar 2023 fejn talbet li tinghata disclosure qabel ma tixhed, Dottor Stephen Tonna Lowell ghall-Perit Adriana Zammit irrileva illi l-klijenta tieghu mhux ser tixhed f'din l-inkjesta u ser tezercita d-dritt tas-silenzju in vista tal-fatt illi ma hix f'pozizzjoni tixhed minghajr id-disclosure mitlub fir-rikors taghha u permezz tad-direttiva tal-Unjoni Ewropea izda mhux traspost fil-ligi Maltija.

Fl-istess seduta tas-**26 ta' Jannar 2023**, il-Magistrat Inkwerenti hatret lil **Perit Prof. Alex Torpiano** bhala traduttur biex jittraduci x-xhieda ta' Alfio Foti moghtija fis-seduti tas-6 ta' Jannar 2023 u fit-18 ta' Jannar 2023 mil-lingwa Taljana ghal-lingwa Maltija.

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar id-**9 ta' Frar 2023** u semgħet ix-xhieda ta':

**Carku Gentjam (recte Gentjan) (haddiem ta' Mirmar Construction Ltd)** tramite videolink mal-isptar Karen Grech

**Claudia Diacono (rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpaniji)** li prezentat:
Dok CD1 – dokument dwar min kienu d-diretturi ta' Whitefrost Company Limited fis-sena 2022

**John Muscat (bennej)** assistit minn Dottor Marion Camilleri, u wara li inghata d-debita twissija skond il-ligi.

Meta l-Magistrat Inkwerenti ordnat lix-xhud John Muscat jaghti kampjun tal-firma tieghu, Dottor Marion Camilleri ghax-xhud John Muscat iddikjarat li x-xhud qed jinvoka d-dritt tieghu tas-silenzju, u anke in vista tal-fatt illi minkejja li issa konsapevoli mill-fatt li huwa suspettat, m'ghandux a disposizzjoni tieghu id-dritt li jinghata disclosure. Ghalhekk huwa qed jirrifjuta li jaghti kampjun tal-firma tieghu.

Ghalkemm ghar-ragunijiet imsemmija fid-digriet taghha moghti fl-istess seduta, il-Magistrat Inkwerenti qieset li r-rifjut tax-xhud li jaghti kampjun tal-firma tieghu mhux wiehed gustifikat skond il-ligi, pero tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, hija ma kinietx f'dan l-istadju se tiehu mizuri kontra x-xhud John Muscat.

Fl-istess seduta tad-**9 ta' Frar 2023** deher ukoll ix-xhud **Matthew Schembri** assistit minn Dottor Franco Debono u Dottor Arthur Azzopardi.

Il-Magistrat Inkwerenti infurmat lix-xhud Matthew Schembri u lill-avukati difensuri tieghu li f'dan l-istadju ix-xhud Matthew Schembri kien qieghed jigi ikkunsidrat bhala indizzjat potenzjali in konnessjoni mal-mertu ta' din l-inkjesta.

In vista ta' din id-dikjarazzjoni tal-Magistrat Inkwerenti, il-konsulenti legali tax-xhud Matthew Schembri issottomettew li la darba x-xhud qed ikun ikkunsidrat bhala indizzjat potenzjali, oltre d-dritt ghall-assistenza legali izda abbinat mal-istess dritt, huwa ghandu jkollu d-dritt ghad-disclosure u access ghad-dokumenti li ghandha l-pulizija dwar il-kaz, u talbu li jinghata din id-disclosure qabel jigi interrogat. Il-konsulenti legali tal-indizzjat talbu terminu qasir sabiex jipprezentaw nota aktar dettaljata b'din it-talba, u l-Magistrat Inkwerenti laqghet it-talba u tat lill-konsulenti legali ta' Matthew Schembri il-fakolta li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet fuq din il-kwistjoni sa nhar l-Erbgha 15 ta' Frar 2023.

Fis-seduta tad-**9 ta' Frar 2023** xehed ukoll:

**Carku Lulizim (recte Lulzim) (haddiem ta' MirMar Construction Limited)** assistit minn Dottor Timothy Bartolo, ghalkemm il-Magistrat Inkwerenti infurmathom li f'dak l-istadju Carku Lulizim ma kienx ikkunsidrat bhala suspettat.

B'digriet tat-**1 ta' Marzu 2023** il-Maġistrat Inkwirenti laqgħet l-ewwel talba fir-rikors tal-espert il-Perit Prof. Alex Torpiano tas-17 ta' Frar 2023, u reggħet ħatret lil **Emanuel Vella** bħala kuntrattur, biex jgħin lill-espert Perit sabiex jitneħħa t-tifrik li kien jinsab ġol-ħofra li tifforma s-sular ta' taħt tal-binja mertu ta' din l-inkjesta, u jitpoġġa fil-ġenb tas-sit, u dan sabiex l-istess espert Perit ikun jista' jinvestiga l-kundizzjoni tal-parti l-aktar baxxa tal-binja illi tinsab taħt il-livell tat-triq. In oltre, is-sottoskritta laqgħet ukoll it-tieni talba tal-espert Prof. Alex Torpiano, u awtorizzatu jieħu kampjuni ta' briks li intuża fil-kostruzzjoni tal-binja li ġġarfet. Dawn il-briks kellhom jinġarru mill-kuntrattur Emanuel Vella għal-Laboratorju tal-Fakulta' għall-Ambjent Mibni tal-Universita' ta' Malta, l-Imsida, taħt is-supervizjoni tal-espert rikorrent, biex jekk ikun hemm il-ħtieġa isiru testijiet fuqhom fi stadju ieħor.

Wara li saru x-xogħolijiet imsemmija fid-digriet tal-1 ta' Marzu 2023, il-Maġistrat inkwirenti żammet access ieħor nhar il-**21 ta' Marzu 2023** fis-sit ta' kostruzzjoni in kwistjoni ġewwa l-qasam industrijali ta' Kordin. Prezenti waqt l-access kien hemm ukoll l-Uffiċjal Investigatur Antonello Magri u l-espert Perit Prof. Alex Torpiano. Waqt dan l-access xehed **Ian Napier (general manager ta' Polidano Brothers Limited).**

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar is-**27 ta' Marzu 2023** u semgħet ix-xhieda ta':

**Dr Christopher Spiteri** (rappreżentant ta' **Transport Malta**) li prezenta:
Dok CS1 – dokument fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBW305

**Ignatius Ciantar (rappreżentant tar-Reġistru Pubbliku)** li prezenta:
Dok IC1 – ċertifikat tat-twelid ta' John Muscat

**John Attard (rappreżentant tad-dipartiment tar-riċerki tal-Aġenzija Identity Malta)** li prezenta:
Dok JA1 – riċerka fuq it-trasferimenti u l-passiv ta' John Muscat

Fis-**27 ta' Marzu 2023**, il-Magistrat Inkwirenti ai termini ta' l-Artikolu 554(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li ssir tfittxija fuq il-persuna **tal-Perit Adriana Zammit**, kif ukoll fid-dar residenzjali tagħha, fil-postijiet tax-xogħol tagħha u fi kwalunkwe fond ieħor li hija tiffrekwenta, tikkontrolla u/jew għandha konnessjoni miegħu, u dana għall-fini tal-qbid ta' karti, oġġetti, inklużi *devices* elettroniċi, u in ġenerali ta' kull ħaġ'oħra meħtieġa sabiex tinsab il-verità.

B'digriet ieħor ukoll maħruġ fis-**27 ta' Marzu 2023**, il-Magistrat Inkwerenti awtorizzat lill-esperti **Perit Prof. Alex Torpiano** u **Keith Cutajar** sabiex jassistu lill-Pulizija Eżekuttiva fit-tfittxijiet minnha ordnati fil-konfront tal-Perit Adriana Zammit.

B'digriet tat-**28 ta' Marzu 2023** il-Magistrat Inkwirenti estendiet l-inkarigu tal-espert **Perit Prof. Alex Torpiano** sabiex jezamina d-dokumenti u l-karti kollha elevati waqt it-tfittxija li saret fil-konfront tal-Perit Adriana Zammit, kif ukoll estendiet l-inkarigu tal-espert **Keith Cutajar** sabiex jestrapola l-informazzjoni mill-electronic devices elevati waqt din it-tfittxija u janalizza l-istess informazzjoni sabiex jidentifika kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-binja mertu ta' din l-inkjesta u għall-kollass tal-istess binja.

B'digriet preliminari tas-**6 t'April 2023**, mogħti wara rikors tal-Perit Adriana Zammit tal-4 t'April 2023, il-Magistrat Inkwerenti ordnat lill-Uffiċjal Investigatur jgħaddi l-footage tal-body cams li kien liebes hu u li kienu liebsin l-Uffiċjali tal-Pulizija l-oħra, jekk ikun il-kaz, lil **Keith Cutajar,** li gie ukoll maħtur bħala espert tal-informatika, sabiex jekk ikun il-kaz jikkonverti dan il-filmat go format li jista jinqara faċilment minn fuq computer.

B'digriet tas-**26 t'April 2023** il-Magistrat Inkwirenti innominat lil **Joseph Mallia** bħala espert tal-kaligrafija sabiex jaccedi fl-ufficini tal-Awtorita tal-Ippjanar u/jew Building and Construction Agency sabiex janalizza l-firma ta' John Muscat karta tal-identita numru 258353M (ML325) u l-kaligrafija li hemm fil-parti immarkata 1.2 Licensed Mason li hemm fuq il-Commencement Notice rigwardanti Decision Notice (DN) 360/20 fuq is-sit KKW70, Qasam Industrijali ta' Kordin, Kordin Paola, li giet sottomessa lil dawn iz-zewg entitajiet mill-

Perit Adriana Zammit fis-7 ta' Mejju 2020, u dan kemm fil-forma fizika (hard copy) tad-dokument kif ukoll fil-forma elettronika tieghu u jiehu kopja taghhom fiz-zewg forom ghall-fini li jirrelata jekk tali firma u kaligrafija humiex tajbin ghall-fini ta' paragun.

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar it-**3 ta' Mejju 2023** u semghet ix-xhieda ta':

**Paula Camilleri (rapprezentant tar-Registru Pubbliku)** li prezentat:
Dok PC1 – certifikat tat-twelid ta' Matthew Schembri

**Benjamin Spiteri (rapprezentant tad-dipartiment tar-ricerki tal-Agenzija Identity Malta)** li prezenta:
Dok BS1 – ricerki fuq Matthew Joseph Schembri
Dok BS2 – ricerki fuq All Plus Ltd
Dok BS3 – ricerki fuq Whitefrost Ltd

B'digriet **tal-5 ta' Mejju 2023** il-Magistrat Inkwirenti innominat lil **Joseph Mallia** bhala espert tal-kaligrafija sabiex jaccedi fl-ufficini u fir-registru tan-Nutar tal-Gvern u dan ghas-segwenti finijiet:

(i) sabiex janalizza u jezamina l-firma, inizjali u kaligrafija ta' John Muscat karta tal-identita numru 258353M fuq il-kuntratti elenkati fl-istess digriet, ghall-fini li jirrelata jekk tali firma, inizjali u kaligrafija fuq kull wiehed minn dawn id-dokumenti humiex tajbin ghall-fini ta' paragun:

(ii) sabiex janalizza u jezamina l-firma, inizjali u kaligrafija ta' Matthew Joseph Schembri karta tal-identita numru 73785M fuq il-kuntratti elenkati fl-istess digriet, ghall-fini li jirrelata jekk tali firma, inizjali u kaligrafija fuq kull wiehed minn dawn id-dokumenti humiex tajbin ghall-fini ta' paragun.

B'digriet tas-7 **ta' Mejju 2023** il-Magistrat Inkwirenti ordnat lill-espert tal-informatika **Keith Cutajar** sabiex mid-data eletronika li giet misjuba fl-electronic devices elevati waqt it-tfixxija

fir-residenza u fl-ufficcju tal-Perit Adriana Zammit u mill-mobile ta' Jean Paul Sofia jaghtiha s-segwenti informazzjoni:

1. Jekk il-mobile phones tal-Perit Adriana Zammit u ta' Jean Paul Sofia qattx ghamlu kuntatt ma' John Muscat, Milomir Jovicevic jew Marku Jovicevic, u jekk fl-affermattiv ic-chats u messaggi relattivi;
2. Estrazzjoni separata tac-chats u messaggi bejn Jean Paul Sofia u Whitefrost Hasan, Whitefrost Matthew u Whitefrost Osama;
3. Mill-mobile tal-Perit Adriana Zammit, estrazzjoni separata tac-chats u messaggi li hi kellha ma' "Kurt bennej ta' Matthew", "Kurts Matthew", "Andrew kugin Matt" u "Matthew Schembri" u n-numri tal-mobile li bihom huma issejvati fuq il-mobile tal-Perit Zammit;
4. Mill-mobile tal-Perit Adriana Zammit, estrazzjoni separata tac-chats u messaggi kollha fil-WhatsApp Group chat bl-isem "KW70"
5. Mill-mobile tal-Perit Zammit, estrazzjoni separata tal-voice messages li kien hemm fil-WhatsApp Group chat KW70.
6. Mill-mobile tal-Perit Zammit, estrazzjoni separata tac-chats u messaggi ma' Matthew Briffa, certu Christian numru tal-mobile 7931 7175, Donatella bin-numru tal-mobile 9983 9264 u Owen Schembri probabbilment bin-numru tal-mobile 9910 9751.
7. Estrazzjoni separata tal-emails kollha taghha fil-gmail account tal-Perit Zammit.
8. Min ikkrea d-dokument fil-format PDF intitolat "Periti Discussion Group Thread" fil-"Kordin Folder" li hemm fuq il-computer tal-Perit Zammit, u d-data li fiha gie issejvjat fuq il-computer taghha u minn min.
9. Estrazzjoni separata ta' kull forma ta' kuntatt li kien hemm bil-mobile bejn il-Perit Zammit u Jean Paul Sofia.

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar l-**10 ta' Mejju 2023** u semghet ix-xhieda ta':

**Dr Hubert Theuma (rapprezentant tal-Ufficju tan-Nutar tal-Gvern)** li prezenta:
Dok HT1- kuntratt ta' bejgh minn John Muscat lil Ekaterina Sergeevna Abrossimova
Dok HT2 – kuntratt ta' bejgh minn John Muscat lil Anthony Bonello ghan-nom tas-socjeta Bonsons Limited
Dok HT3 – kuntratt ta' bejgh minn John Muscat lil Stephen Farrugia

Dok HT4 – kuntratt ta' bejgh minn Stephen Farrugia lil John Muscat

B'digriet tal-**11 ta' Mejju 2023** il-Magistrat Inkwirenti innominat lil **Joseph Mallia** bhala espert tal-kaligrafija sabiex janalizza u jezamina l-firma u kaligrafija ta' John Muscat karta tal-identita numru 258353M fil-parti immarkata 1.2 Licensed Mason li hemm fuq il-Commencement Notice rigwardanti Decision Notice (DN) 360/20 fuq is-sit KKW70, Qasam Industrijali ta' Kordin, Kordin Paola, li giet sottomessa lil Awtorita tal-Ippjanar mill-Perit Adriana Zammit fis-7 ta' Mejju 2020, u li kopja taghha l-istess espert diga gabar mill-Awtorita tal-Ippjanar u janalizza u jezamina l-firma u l-kaligrafija, jekk hemm, tal-istess John Muscat fil-kuntratti pubblici elenkati fl-istess digriet, liema kuntratti pubblici gew esebiti fl-inkjesta fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2023. Bl-istess digriet tal-**11 ta' Mejju 2023**, l-espert tal-kaligrafija **Joseph Mallia** gie ordnat jaghmel konfront bejn dawn il-firem u kaligrafija u jiddetermina jekk il-firma u kitba fuq fil-parti immarkata 1.2 Licensed Mason li hemm fuq id-dokument intitolat Commencement Notice - li l-istess espert diga ha kopja tieghu mill-Awtorita tal-Ippjanar - sarux mill-istess persuna li ffirmat u/jew kitbet u/jew inizzjalat il-kuntratti indikati fl-istess digriet.

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar il-**15 ta' Mejju 2023** u semghet ix-xhieda ta':

**Joseph Rivans (rapprezentant tal-Agenzija Identity Malta)** li prezenta:

Dok JR1 – applikazzjoni ghall-bdil tal-karta tal-identita ta' Matthew Schembri tal-14 ta' Lulju 2015

Dok JR2 – applikazzjoni ghall-bdil tal-karta tal-identita ta' Matthew Schembri tal-25 ta' Settembru 2017

Dok JR3 – applikazzjoni ghall-bdil tal-karta tal-identita ta' Matthew Schembri tal-25 ta' Mejju 2020

Dok JR4 – applikazzjoni ghall-bdil tal-karta tal-identita ta' Matthew Schembri tat-22 ta' Lulju 2022

**Ghislaine Bongailas Zahra (rapprezentant tal-Ufficju tal-Passaporti)** li prezentat:

Dok GBZ1 – applikazzjoni ghall-passaport minn Matthew Schembri tas-16 ta' Frar 2005

Dok GBZ2 – applikazzjoni ghall-passaport ta' Matthew Schembri tad-19 t'April 2010

Dok GBZ3 – applikazzjoni għall-passaport ta' Matthew Schembri tad-9 ta' Diċembru 2019

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar id-**19 ta' Mejju 2023** u semgħet ix-xhieda ta':

**Karen Cremona (rappreżentant ta' Transport Malta)** li preżentat:
Dok KC1 – dokumenti relatati ma' transfer ta' vettura lil Matthew Schembri fil-11 t'April 2011
Dok KC2 – dokumenti relatati ma' transfer ta' vettura lil Matthew Schembri fit-28 ta' Ġunju 2019
Dok KC3 – dokumenti relatati ma' transfer ta' vettura lil Matthew Schembri fl-10 ta' Ġunju 2020
Dok KC4 – dokumenti relatati ma' transfers tal- vettura Toyota Vitz GCC549
Dok KC5 – dokumenti relatati ma' transfers tal-vettura Mercedes Benz GCC982
Dok KC6 – formula għal tibdil fil-liċenzja tas-sewqan ta' Matthew Schembri tad-9 ta' Frar 2019
Dok KC7 - dokumenti relatati mal-applikazzjoni għal-liċenzja tas-sewqan datati 28 t'Awwissu 2019
Dok KC8 - applikazzjoni għal international driving license tal-20 ta' Diċembru 2019

**Dr Hubert Theuma (rappreżentant tal-Uffiċju tan-Nutar tal-Gvern)** li preżenta:
Dok HT5 – kuntratt ta' bejgħ mill-Gvern ta' Malta lil Matthew Joseph Schembri datat 2 ta' Frar 2015
Dok HT6 – kuntratt ta' self minn Bank of Valletta p.l.c. lil Whitefrost Limited datat 23 ta' Jannar 2018
Dok HT7 – kuntratt ta' bejgħ bejn Charles Michael Galea et lil Matthew Joseph Schembri et datat 4 ta' Settembru 2018
Dok HT8 - kuntratt ta' donazzjoni bejn Rita Schembri u Matthew Joseph Schembri datat 16 t'Ottubru 2018

B'digriet tal-**21 ta' Mejju 2023** il-Magistrat Inkwirenti innominat lil **Joseph Mallia** bħala espert tal-kaligrafija sabiex janalizza u jeżamina:

(i) il-firma u kaligrafija ta' Matthew Schembri karta tal-identita numru 73785M fil-parti immarkata 1.3 Site Manager li hemm fuq il-Commencement Notice rigwardanti Decision Notice (DN) 360/20 fuq is-sit KKW70, Qasam Industrijali ta' Kordin, Kordin Paola, u

(i) il-firma u l-kaligrafija ta' John Muscat karta tal-identita numru 278353M fil-parti immarkata 1.2 Licenced Mason li hemm fuq l-istess Commencement Notice, liema Commencement Notice giet sottomessa lil Awtorita tal-Ippjanar mill-Perit Adriana Zammit fis-7 ta' Mejju 2020, u li kopja taghha l-istess espert diga gabar mill-Awtorita tal-Ippjanar u sabiex janalizza u jezamina l-firma u l-kaligrafija, jekk hemm, tal-istess Matthew Schembri fid-dokumenti li gew elenkati fl-istess digriet, liema dokumenti gew esebiti fl-inkjesta fis-seduti tal-15 ta' Mejju 2023 u tad-19 ta' Mejju 2023.

Fl-istess digriet tal-**21 ta' Mejju 2023**, il-Magistrat Inkwerenti ordnat lill-espert tal-kaligrafija **Joseph Mallia** jagħmel konfront bejn l-imsemmija firem u kaligrafija u jiddetermina jekk il-firma u kitba fuq il-parti immarkata 1.3 Site Manager u fil-parti mmarkata 1.2 Licenced Mason li hemm fuq id-dokument intitolat Commencement Notice - li l-istess espert diga ha kopja tiegħu mill-Awtorita tal-Ippjanar - sarux mill-istess Matthew Schembri, li iffirma u/jew kiteb u/jew inizzjala id-dokumenti indikati fl-istess digriet.

B'digriet tal-**26 ta' Mejju 2023** il-Magistrat Inkwirenti ordnat lill-espert tal-informatika **Keith Cutajar** jagħmel estrazzjoni separata tar-ritratti u l-videos kollha li jistgħu jikkoncernaw il-mertu ta' din l-inkjesta u li hemm fil-mobile ta' Jean Paul Sofia.

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar id-**29 ta' Mejju 2023** u semgħet ix-xhieda ta:

**Joseph Rivans (rapprezentant tal-Agenzija Identity Malta)** li prezenta:
Dok JR5 – applikazzjoni tal-karta tal-identita ta' John Muscat tas-6 ta' Novembru 2014

**Ignatius Ciantar (rapprezentant tar-Registru Pubbliku)**li prezenta:
Dok IC2 - certifikat tat-twelid ta' Rita Schembri nee Muscat
Dok IC3 - certifikat taz-zwieg ta' Rita Schembri

**Saviour Theuma (rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali)** li prezenta:
Dok ST1 – dokument dwar il-beneficcju tas-sigurta socjali moghti lil John Muscat

B'digriet tad-**29 ta' Mejju 2023** il-Magistrat Inkwirenti, b'riferenza ghad-digriet taghha tal-11 ta' Mejju 2023, estendiet l-inkarigu ta' **Joseph Mallia** bhala espert tal-kaligrafija sabiex janalizza u jezamina l-firma u kaligrafija ta' John Muscat karta tal-identita numru 258353M fil-parti mmarkata 1.2 Licensed Mason li hemm fuq il-Commencement Notice rigwardanti Decision Notice (DN) 360/20 fuq is-sit KKW70, Qasam Industrijali ta' Kordin, Kordin Paola, li giet sottomessa lil Awtorita tal-Ippjanar mill-Perit Adriana Zammit fis-7 ta' Mejju 2020, u li kopja taghha l-istess espert diga gabar mill-Awtorita tal-Ippjanar u janalizza u jezamina l-firem u l-kaligrafija, jekk hemm, tal-istess John Muscat fid-dokument indikat fl-istess digriet, liema dokument gie esebit fl-inkjesta fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2023. L-espert tal-kaligrafija **Joseph Mallia** gie wkoll ordnat jagħmel konfront bejn l-imsemmija firem u kalligrafija u jiddetermina jekk il-firma u kitba fuq fil-parti immarkata 1.2 Licensed Mason li hemm fuq id-dokument intitolat Commencement Notice - li l-istess espert diga ha kopja tieghu mill-Awtorita tal-Ippjanar - sarux mill-istess persuna li ffirmat u/jew kitbet id-dokument indikat fl-istess digriet.

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar il-**31 ta' Mejju 2023** u semgħet ix-xhieda ta:

**Louis Buhagiar (rapprezentant ta' Jobsplus)** li prezenta:
Dok LB4 – employment history ta' John Muscat
Dok LB5 – employment history ta' Adriana Zammit

Il-Maġistrat inkwirenti żammet seduta nhar il-**15 ta' Gunju 2023** u semgħet ix-xhieda ta:

**Louis Buhagiar (rapprezentant ta' Jobsplus)** li prezenta:
Dok LB6 – employment history ta' Vladimir Laketic
Dok LB7 – employment history ta' Denis Carku

**Joshua Attard (rapprezentant ta' BNF Bank)**
**Kimberly Grech (rapprezentant ta' APS Bank)**

**Elvin Tabone (rapprezentant ta' Lombard Bank)**
**Lorraine Attard (rapprezentant ta' HSBC Bank)**

**Mark Falzon (rapprezentant ta' Bank of Valletta)** li prezenta:
Dok MF1 – Arch file kontenenti scanned copy ta' cekkijiet mahruga mit-3 ta' Lulju 2018 mill-kont numru 40024908591 f'isem Matthew Joseph Schembri, cekkijiet mahruga mill-kont numru 40025551028 f'isem Kurt Buhagiar u M.A. Schembri A/C Plus u kont numru 11502782019 li huwa l-kont bankarju ta' White Frost Company Ltd.

B'digriet tal-**15 ta' Gunju 2023**, il-Magistrat Inkwerenti estendiet l-inkarigu ta' **Joseph Mallia** bhala espert tal-kaligrafija sabiex janalizza u jezamina l-firma u kaligrafija ta' Matthew Schembri karta tal-identita numru 73785M fil-parti immarkata 1.3 Site Manager li hemm fuq il-Commencement Notice rigwardanti Decision Notice (DN) 360/20 fuq is-sit KKW70, Qasam Industrijali ta' Kordin, Kordin Paola, u l-firma u l-kaligrafija ta' Matthew Schembri fuq id-dokumenti l-ohra li l-espert kaligrafu diga ghandu fil-pussess tieghu, u/jew diga ha scans minn fuq l-originali taghhom bis-sahha ta' digrieti precedenti tal-Magistrat Inkwerenti, sabiex jiddetermina jekk hemmx il-firma u l-kaligrafija tal-istess Matthew Schembri fuq l-iscanned copy tac-cekkijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. li gew imsarrfa mill-bank f'din l-ahhar sena mil-lum fid-dokument Dok MF1 li gie esebit fl-inkjesta fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2023. Dan l-ezercizzju kellu jsir f'dan l-istadju ghall-fini sabiex l-espert tal-kaligrafija **Joseph Mallia** jaghmel elenku ta' liema cekkijiet fid-dokument hawn fuq imsemmi gew miktuba u/jew iffirmati minn Matthew Schembri u huma tajba wkoll ghal fini ta' konfront tal-kaligrafija.

B'digriet **tal-20 ta' Gunju 2023**, il-Magistrat Inkwerenti ordnat lil Mark Falzon in rapprezentanza tas-socjeta Bank of Valletta p.l.c. sabiex jipprezenta c-cekkijiet originali elenkati fid-dokument anness mal-istess digriet, u dan wara li sar rikors mill-espert kaligrafiku **Joseph Mallia** fl-istess gurnata. Fl-istess digriet, il-Magistrat Inkwerenti ordnat li jekk il-kopja originali ta' dawn ic-cekkijiet, jew ta' uhud minnhom, ma ghadhiex tezisti, ghandha tigi prezentata *scanned copy* ta' dawn ic-cekkijiet fil-format "jpg".

Il-Maġistrat Inkwirenti żammet seduta nhar is-**26 ta' Gunju 2023** u semgħet ix-xhieda ta':

**Brian Lofreda (rapprezentant tal-Awtorita tal-Bini u Kostruzzjoni)** li prezenta:

Dok BL1 – kopja tal-commencement notice

**Mark Falzon (rapprezentant ta' Bank of Valletta)** li prezenta:

Dok MF2 – CD kontenenti scanned copy ta' 23 cheque format JPG

B'digriet tas-**26 ta' Gunju 2023**, il-Magistrat Inkwerenti estendiet l-inkarigu ta' **Joseph Mallia** bhala espert tal-kaligrafija sabiex janalizza u jezamina il-firma u kaligrafija ta' Matthew Schembri karta tal-identita numru 73785M fil-parti immarkata 1.3 Site Manager li hemm fuq il-Commencement Notice rigwardanti Decision Notice (DN) 360/20 fuq is-sit KKW70, Qasam Industrijali ta' Kordin, Kordin Paola, u l-firma u l-kaligrafija ta' Matthew Schembri fuq id-dokumenti l-ohra li l-espert kaligrafu diga ghandu fil-pussess tieghu, u/jew diga ha scans minn fuq l-originali taghhom bis-sahha ta' digrieti precedenti tal-Magistrat Inkwerenti, sabiex jiddetermina jekk hemmx il-firma u l-kaligrafija tal-istess Matthew Schembri fuq l-iscanned copies tat-tlieta u ghoxrin (23) cekk tal-Bank of Valletta p.l.c. ezebiti fuq CD fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2023 u immarkat bhala Dok MF2, u jekk fl-affermattiv jaghmel paragun bejn dawn il-firem u kitbiet ta' Matthew Schembri mal-firma u kitba fuq fil-parti immarkata 1.2 Licensed Mason li hemm fil-Commencement Notice, sabiex jiddetermina jekk il-firma u l-kitba fil-parti immarkata 1.2 Licensed Mason sarux mill-istess Matthew Schembri.

B'digriet tal-**4 ta' Lulju 2023**, il-Magistrat Inkwerenti tordna lill-espert tal-informatika **Keith Cutajar** sabiex:

1. jerga' jaghmel estrazzjoni ohra tad-data eletronika li tinsab fil-mobile tal-Perit Adriana Zammit u fil-mobile ta' Jean Paul Sofia bl-aktar verzjoni ricenti tas-*software* intiz ghal tali estrazzjonijiet disponibbli illum il-gurnata lill-istess espert.
2. Sussegwentement, jerga' jaghmel l-istess estrazzjonijiet separati li gie mitlub biex jaghmel fid-digrieti tas-7 ta' Mejju 2023 u tas-26 ta' Mejju 2023.

B'digriet tas-**7 ta' Lulju 2023**, il-Magistrat Inkwerenti ordnat lill-espert tal-informatika **Keith Cutajar** sabiex mid-data elettronika li nsabet fit-tieni estrazzjoni tal-mobile ta' Jean Paul Sofia:

1. jagħmel ukoll estrazzjoni separata tal-voice messages kollha skambjati bejn Jean Paul Sofia u Matthew Schembri.
2. jagħmel estrazzjoni separata tas-segwenti ritratti u/jew videos li nstabu fil-mobile ta' Jean Paul Sofia tas-sit ta' Kordin, mertu tal-inkjesta odjerna, u li ttieħdu fid-29 t'Awwissu 2023, 15 ta' Settembru 2023, 27 ta' Settembru 2023, 4 t'Ottubru 2023, 13 ta' Ottubru 2023, 17 ta' Ottubru 2023, 11 ta' Novembru 2023, 16 ta' Novembru 2023, 18 ta' Novembru 2023, 21 ta' Novembru 2023 u 3 ta' Diċembru 2023.

Il-Maġistrat Inkwirenti żammet seduta nhar **l-10 ta' Lulju 2023** u semgħet ix-xhieda ta':

**Martin Farrugia (rapprezentant tal-Awtorita tal-Bini u Kostruzzjoni)**

**Louis Buhagiar (rapprezentant ta' Jobsplus)** li prezenta:
Dok LB8 – employment history ta' Gentjan Carku

Il-Maġistrat Inkwirenti żammet seduta nhar it-**12 ta' Lulju 2023** u semgħet ix-xhieda ta':

**Louis Buhagiar (rapprezentant ta' Jobsplus)** li prezenta:
Dok LB9 – termination of employment form ta' Gentjan Carku minn ma' Allplus Limited
Dok LB10 – on-line engagement form ta' Gentjan Carku ma' Milmar Construction Limited
Dok LB11 – work permit ta' Gentjan Carku biex jaħdem ma' Milmar Construction Limited datat 11 ta' Frar 2023
Dok LB12 – turnover tal-ħaddiema tas-soċjeta Allplus Limited
Dok LB13 – turnover tal-ħaddiema tas-soċjeta Whitefrost Company Limited
Dok LB14 – Dok LB3 fejn ix-xhud immarka l-ħaddiema li kienu impjegati mas-soċjeta Whitefrost Company Limited mis-sena 2019 sal-lum

B'digriet tad-**19 ta' Lulju 2023**, il-Magistrat Inkwerenti ċaħdet it-talbiet tal-Perit Adriana Zammit tal-4 t'April 2023, fejn, għar-raġunijiet fiħ premessi, talbet is-sostituzzjoni tal-Perit Prof. Alex Torpiano u li jiġi maħtur minflokU Perit ieħor, li l-arch-lever file [sic] li skond hi

kien kopert bil-privilegg legali, jigi ritornat lilha u li dak kollu li skond hi kien mehud a bazi ta' konverzazzjoni illegali mal-espert Perit Alex Torpiano jigi eskluz mill-inkjesta magisterjali.

L-esperti kollha nominati mill-Magistrat Inkwirenti ipprezentaw u halfu r-relazzjoni taghhom. Dawn jinsabu mehmuza hawnhekk u jiffurmaw parti minn dan il-proces-verbal.

L-espert **Francesco Degabriele** ipprezenta r-relazzjoni tieghu fis-7 ta' Dicembru 2022 kontenenti ritratti u filmati bl-uzu ta' drone waqt l-operazzjoni tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili.

L-espert **Francesco Degabriele** pprezenta rapport addizjonali nhar l-20 ta' Dicembru 2022 kontenenti stills mill-filmati migbuda mid-drone tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili.

**PS 2424 Abigail Grech** ipprezentat u halfet ir-rapport taghha kontenenti faxxikolu ta' tmienja u sebghin (78) ritratt.

**PS 2293 Michelle Camilleri** ipprezentat u halfet ir-rapport taghha kontenenti faxxikolu ta' tnejn u erbghin (42) ritratt.

L-esperti patologisti **Dr Sarfraz Ali** u **Dr David Pisani** ipprezentaw ir-relazzjoni taghhom fir-rigward il-kawza tal-mewt ta' Jean Paul Sofia, u kkonkludew bil-mod segwenti:

*"The cause of death in this case is certified as being due to traumatic asphyxia."*

L-espert tabib forensiku **Dr Mario Scerri** ipprezenta r-relazzjoni tieghu u ikkonkluda bil-mod segwenti:

*"Wara li l-esponent acceda l-Isptar Mater Dei fejn hemm huwa ezamina lil **Vladimir Laketic, Gentjan Carku, Lulzim Carku, Dennis Carku u Sammy David Curtis;***

*Illi wara li ezamina l-kadavru ta' **Jean Paul Sofia,** jikkonkludi:*

1. *Illi nhar it-3 ta' Diċembru 2022, iġġarrfet binja fi stat ta' kostruzzjoni fil-qasam industrijali ta' Kordin fejn inqabdu xi nies;*

2. *Illi* ***Vladimir Laketic*** *kellu jiġi operat għal fratturi li ġarrab u għadu jinżamm l-isptar Mater Dei;*

3. *Illi l-lezjonijiet li ġarrab huma ta' natura gravi;*

4. *Illi* ***Gentjan Carku*** *kellu għajnejh miksijin bil-concrete u ġarrab lezjonijiet intra-okkulari u fratturi ta' natura gravi. Dan ġie liċenzjat mill-isptar Mater Dei u trasferit l-isptar Karen Grech nhar it-22 ta' Diċembru 2022;*

5. *Illi* ***Sammy David Curtis*** *ġarrab lezjonijiet ħfief u ġie liċenzjat mill-isptar Mater Dei;*

6. *Illi* ***Dennis Carku*** *ġarrab lezjonijiet ta' natura gravi u ġie liċenzjat mill-isptar Mater Dei nhar l-14 ta' Diċembru 2022;*

7. *Illi* ***Lulzim Carku*** *ġarrab ukoll lezjonijiet deskritti ta' natura gravi u għadu jinżamm fis-sala Ortho 1;*

8. *Illi l-kawża tal-mewt ta'* ***Jean Paul Sofia*** *kienet riżultat ta' traumatic asphyxia kkaġunata mill-pressa fuq sidru kaġunata mill-ġebel li waqa fuqu."*

L-espert kaligrafu **Joseph Mallia** ipprezenta l-ewwel relazzjoni tiegħu fl-10 ta' Mejju 2023 in adempiment tal-inkarigu lilu mogħti bid-digriet tas-**26 t'April 2023**. Huwa ikkonkluda bil-mod segwenti:

*"Illi fl-opinjoni tal-esponent il-kitba u l-firem li jinsabu miktubin fuq id-dokument "Commencement Notice" (24a) Planning Permission number DN 360/20, datata 5 ta' Mejju 2020, huma tajbin għal-fini ta' eżamijiet kaligrafiċi komparattivi."*

L-espert kaligrafu **Joseph Mallia** ipprezenta t-tieni relazzjoni tiegħu fl-10 ta' Mejju 2023 ukoll, in adempiment tal-inkarigu lilu mogħti bid-digriet tal-**5 ta' Mejju 2023**. F'din ir-relazzjoni

huwa indika fuq liema kuntratti pubblici li jinsabu fir-registru tan-Nutar tal-Gvern u li kienu elenkati fl-istess huwa sab il-firma ta' John Muscat jew ta' Matthew Schembri.

L-espert kaligrafu **Joseph Mallia** ipprezenta it-tielet relazzjoni tieghu fil-5 ta' Lulju 2023 in adempiment tar-rimanenti inkarigi l-ohra kollha lilu moghtija bid-digrieti l-ohra fuq elenkati. Huwa ikkonkluda bil-mod segwenti:

*"Illi wara li saru l-eżamijiet kaligrafiċi komparattivi bejn il-kontenut tal-kitba li tinsab miktuba fuq id-dokument bit-titlu DN/00360/20 Document – (24a) Commencement Notice (Valid) – Document ID -89667- Document Dated -07/05/2020 moazz, datat 30/04/2020, mal-firma u l-kaligrafija tas-sur John Muscat detentur tal-karta tal-identita numru 278353 (M) u tas-sur Matthew Schembri detentur tal-karta tal-identita numru 0073785 (M), l-esponent jikkonkludi dan li ġej:*

1. *Illi ġew identifikati punti karatteristiċi diskrepanti u nuqqas ta' qbil fil-kors tal-kaligrafija kif miktuba fuq id-dokument bit-titlu DN/00360/20 Document – (24a) Commencement Notice (Valid) –Document ID -89667- Document Dated -07/05/2020 moazz, datat 30/04/2020, hekk kif l-istess punti karatteristiċi ġew ikkomparati mal-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kaligrafija tas-sur John Muscat, detentur tal-karta tal-identita numru 0278353 (M).*

2. *Illi ġew identifikati punti karatteristiċi diskrepanti u nuqqas ta' qbil fil-kors tal-kitba tal-firma allegatament ta' John Muscat kif miktuba fil-parti tan-nofs (xellug) tad-dokument bit-titlu DN/00360/20 Document – (24a) Commencement Notice (Valid) –Document ID -89667- Document Dated -07/05/2020 moazz, datat 30/04/2020, hekk kif l-istess punti karatteristiċi ġew ikkomparati mal-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba tal-firma oriġinali tas-sur John Muscat, detentur tal-karta tal-identita numru 0278353 (M).*

3. *Illi ġew identifikati punti karatteristiċi pożittivament kompatibli u ko-ordinati ma' xulxin bejn il-kitba li tinsab miktuba fil-parti ta' fuq tad-dokument bit-titlu DN/00360/20 Document – (24a) Commencement Notice (Valid) –Document ID -89667- Document Dated -07/05/2020 moazz, datat 30/04/2020, u l-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba kif miktuba fil-parti ta' isfel fuq l-istess dokument.*

*Illi l-kitba fuq dan id-dokument ġiet miktuba mill-istess persuna.*

4. *Illi ġew identifikati punti karatteristiċi pożittivament kompatibli u ko-ordinati ma' xulxin bejn il-kitba li tinsab miktuba kemm fil-parti ta' fuq kif ukoll fil-parti ta' isfel tad-dokument bit-titlu DN/00360/20 Document – (24a) Commencement Notice (Valid) – Document ID -89667- Document Dated -07/05/2020 moazz, datat 30/04/2020, hekk kif ikkomparati mal-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kaligrafija ta' Matthew Schembri, detentur tal-karta tal-identita numru 0073785 M.*

5. *Illi ġew identifikati punti karatteristiċi pożittivament kompatibli u ko-ordinati ma' xulxin bejn il-kors tal-kitba tal-firma allegatament ta' Matthew Schembri kif miktuba in-naha ta' isfel xellug fuq id-dokument bit-titlu DN/00360/20 Document – (24a) Commencement Notice (Valid) –Document ID -89667- Document Dated -07/05/2020 moazz, datat 30/04/2020, hekk kif ikkomparati mal-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba tal-firma oriġinali tal-istess Matthew Schembri, detentur tal-karta tal-identita numru 0073785 M.*

6. *Illi l-ewwel ittra kapitali "J" formanti parti mill-firma allegatament tas-sur John Muscat li tinsab miktuba fil-parti tan-nofs (xellug) tad-dokument bit-titlu DN/00360/20 Document – (24a) Commencement Notice (Valid) –Document ID -89667- Document Dated -07/05/2020 moazz, datat 30/04/2020 għandha għamla differenti mill-ittra kapitali "J" kif normalment tinkiteb mis-sur Matthew Schembri, detentur tal-karta tal-identita numru 0073785 M.*

7. *Illi ġew identifikati punti karatteristiċi pożittivament kompatibli u ko-ordinati ma' xulxin bejn il-kitba tal-ittra "s" formanti parti mill-kunjom* ***Muscat*** *formanti parti mill-firma allegatament ta' John Muscat li tinsab miktuba fil-parti tan-nofs (xellug) tad-dokument bit-titlu DN/00360/20 Document – (24a) Commencement Notice (Valid) –Document ID -89667- Document Dated -07/05/2020 moazz, datat 30/04/2020, hekk kif ikkomparati mal-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba ta' l-unika ittra "s" (mhux kapitali) formanti parti mill-kelma "Maltese" kif miktuba fuq id-dokument KC 6 liema dokument jappartjeni għas-sur Matthew Schembri, detentur tal-karta tal-identita numru 0073785 M.*

8. *Illi ġew identifikati punti karatteristiċi pożittivament kompatibli u ko-ordinati ma' xulxin bejn il-kitba tal-ittra aħħarija "t" formanti parti mill-kunjom* ***Muscat*** *fil-firma allegatament ta' John Muscat li tinsab miktuba fil-parti tan-nofs (xellug) tad-dokument bit-titlu DN/00360/20 Document – (24a) Commencement Notice (Valid) –Document ID -89667- Document Dated -07/05/2020 moazz, datat 30/04/2020, hekk kif ikkomparati mal-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba ta' diversi ittri "t" kif miktubin fuq dokumenti li jappartjenu lis-sur Matthew Schembri, detentur tal-karta tal-identita numru 0073785 M.*

9. *Illi ġew identifikati punti karatteristiċi kompatibli bejn il-kitba tal-ittra "s" formanti parti mill-kors tal-kitba tal-firma allegatament ta' John Muscat li tinsab miktuba fil-parti tan-nofs (xellug) tad-dokument bit-titlu DN/00360/20 Document – (24a) Commencement Notice (Valid) –Document ID -89667- Document Dated -07/05/2020 moazz, datat 30/04/2020, hekk kif ikkomparati mal-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba ta' diversi ittri "s" kif miktubin fuq diversi kopji ta' ċekkijiet tal-Bank of Valletta formanti parti minn numru tal-kont 40024908591 u minn numru tal-kont 40025551028 li jappartjenu lis-sur Matthew Schembri, detentur tal-karta tal-identita numru 0073785 M.*

10. *Illi ġew identifikati punti karatteristiċi pożittivament kompatibli u ko-ordinati ma' xulxin bejn il-kitba tal-ittra aħħarija "t" formanti parti mill-kors tal-kitba tal-firma allegatament ta' John Muscat li tinsab miktuba fil-parti tan-nofs (xellug) tad-dokument bit-titlu DN/00360/20 Document – (24a) Commencement Notice (Valid) –Document ID -89667- Document Dated -07/05/2020 moazz, datat 30/04/2020, hekk kif ikkomparati mal-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba ta' diversi ittri "t" kif miktubin fuq diversi kopji ta'ċekkijiet tal-Bank of Valletta formanti parti minn numru tal-kont 40024908591 u minn numru tal-kont 40025551028 li jappartjenu lis-sur Matthew Schembri, detentur tal-karta tal-identita numru 0073785 M."*

L-espert tal-informatika **Keith Cutajar** ipprezenta l-ewwel relazzjoni tiegħu fit-13 ta' Marzu 2023, in adempiment tal-inkarigu lilu mogħti fit-3 ta' Diċembru 2023. F'dan l-inkarigu huwa spjega s-segwenti:

*"Kien nhar it-3 ta' Diċembru 2022 meta l-esponent, wara li ġie infurmat bid-dettalji, għamel aċċess fuq il-post sabiex jinħarġu l-filmati mis-soċjetajiet hawn msemmija:*

- *Garcia Woodworks, Kordin (+2 mins from realtime)*
- *Extreme Effects, Kordin (-23 mins from realtime)*
- *NVR Construction Site (+4 mins from realtime)*

*Id-data u l-ħin li ġiet mitluba mingħand dan Garcia Woodworks u Extreme Effects kien dak ta':*

- *Data: 3 ta' Diċembru 2022*
- *Ħin: 09:00 – 11:30*

*Wara dan il-proċess t'estrazzjoni tal-filmat spiċċa, l-esponent mal-ewwel beda l-proċess li jinħarġu stills relevanti. Fis-sezzjoni li jmiss, kull camera tas-sigurta' qiegħda tiġi dokumentata separatament. Kopja ta' dawn il-filmati jinsabu wkoll annessi ma dan ir-rapport f'Appendiċi 1.*

*L-esponent, nhar l-4 ta' Diċembru 2022, ġabar ukoll lista ta' evidenza diġitali mingħand l-Ispettur Antonello Magri. Din il-lista t'evidenza tinkludi:*

- *S01344131*
  - *JPS-MB01: Mobajl tal-ghamla Samsung ta' lewn abjad bl-IMEI: 354868/25/118844/9. Din l-evidenza ġiet analiżżata b'suċċess.*
  - *JPS-MB01-SIM01: SIM Card tas-soċjeta' GO Plc. bl-ICCID: 210005020597295. Din l-evidenza ġiet analiżżata b'suċċess.*
  - *JPS-MB01-SD01: SD Card tal-ghamla Team bi 16GB. Din l-evidenza ġiet analiżżata b'suċċess.*
  - *JPS-LOBJ01: Network Video Recorder tal-ghamla Annke b'model number: N48PBB ta' lewn iswed bis-s/n: E84611236. Din l-evidenza ġiet analiżżata b'suċċess, bil-password provduta: 'Wft2021!'.*
  - *JPS-LOBJ01-HD01: Hard Disk tal-ghamla Seagate bis-s/n: Z9CCSSD4. Din l-evidenza ġiet analiżżata b'suċċess.*

Appendiċi numru 1 tar-rapport tal-espert **Keith Cutajar** fih kopja tal-filmati prelevati, data maħruġa mill-evidenza diġitali dokumentata fir-rapport tiegħu flimkien ma' kopja diġitali tal-istess rapport. Huwa inkluda wkoll mar-rapport tiegħu il-kontenut ta' pendrive esebita mar-

rapport tal-espert Francesco Degabriele, liema pendrive fiha l-filmati bl-uzu ta' drone waqt l-operazzjoni tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili.

L-espert tal-informatika **Keith Cutajar** ipprezenta it-tieni rapport tiegħu fl-20 ta' Lulju 2023, in adempiment tar-rimanenti inkarigi l-oħra kollha lilu mogħtija bid-digrieti l-oħra fuq elenkati. F'dan it-tieni rapport huwa ikkonkluda hekk:

*"L-esponent, f'dan it-tieni rapport, wettaq id-doveri tiegħu hekk kif ġie mitlub lilu, li jinvolvu r-rapport dwar inċident fatali ġewwa sit ta' kostruzzjoni ġewwa Qasam Industrijali ta' Kordin nhar it-3 ta' Diċembru 2022 fejn tilef ħajtu Jean Paul Sofia detentur tal-karta ta' l-identita' 291502L. Dan il-karigu jinvolvi li jwettaq analiżi fuq mobajl phones u oġġetti oħra elettroniċi li nġabru waqt search li saret nhar it-28 ta' Marzu 2023 u speċifikalment li nestrapola l-informazzjoni mill-electronic devices elevati waqt din it-tfittxija u nanalizza l-istess informazzjoni sabiex nidentifika kwalunkwe informazzjoni rilevanti għal binja mertu ta' din l-inkjesta u għal kollas tal-istess binja u nirrelata bil-miktub f'dan ir-rapport.*

*Ir-ritratti t'hawn taħt juru l-aħħar żewġ ritratti meħuda mill-mobajl JPS-MB01, fid-09:46:12 u 09:46:18, skond il-ħin tal-istess mobajl.*



***Ritratt 1***



***Ritratt 2***

*F'Appendiċi 2, l-esponent qiegħed joħroġ log tal-attivita' tal-mobajl li saret u ġiet maħruġa mill-esponent minn JPS-MB01, mill-25 ta' Novembru 2022 sat-3 ta' Diċembru 2022. Jidher li fil-jum tal-akkadut, il-mobajl JPS-MB01 kellu tlett (3) telefonati li rċiva' hekk kif ġej:*

- *05:46:03 (UTC+0) - +35679426890 – Matthew Whitefrost*
- *06:21:35 (UTC+0) - +35679704355 – Mum*
- *07:00:24 (UTC+0) - +35679426890 – Matthew Whitefrost*

*L-esponent qiegħed jinkludi f'Appendiċi 4, lista' ta' kuntatti, messaġġi u telefonati li ġew miġbura minn JPS-MB01 bl-isem 'Whitefrost'.*

*L-esponent, qiegħed jinkludi f'Appendiċi 3, l-attivita' tal-mobajl dokumentat bħala AZ-MB01 ta' bejn il-25 ta' Novembru 2022 sat-3 ta' Diċembru 2022. L-esponent qiegħed jinkludi numru ta' ritratti kienu meħuda minn AZ-MB01 qabel u wara d-data tal-akkadut.*

*F'Appendiċi 1, l-esponent qiegħed jinkludi kopja tal-body cam footages maħruġa mis-sistema tal-Pulizija.*

*L-esponent ġie mitlub ukoll mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex:*

- *Nohroġ korrispondenza misjuba fuq AZ-MB01 bħala 'KW70': din tinsab annessa f'Appendiċi 5.*

- *Nohroġ korrispondenza misjuba fuq AZ-MB01 bħala 'Christian': din tinsab annessa f'Appendiċi 6.*

- *Nohroġ korrispondenza misjuba fuq AZ-MB01 bħala 'Kurt Buhagiar': din tinsab annessa f'Appendiċi 7.*

- *Nohroġ korrispondenza misjuba fuq AZ-MB01 bħala 'Matthew Schembri': din tinsab annessa f'Appendiċi 8.*

- *Nohroġ korrispondenza misjuba fuq JPS-MB01 bħala 'Matthew Whitefrost': din tinsab annessa f'Appendiċi 9.*

- *Nohroġ ritratti meħuda minn JPS-MB01 u relevanti għal każ, ta' nhar:*
  - *29 t'Awwissu 2022*
  - *15 ta' Settembru 2022*
  - *27 ta' Settembru 2022*
  - *4 t'Ottubru 2022*
  - *13 t'Ottubru 2022*
  - *17 t'Ottubru 2022*
  - *11 ta' Novembru 2022*
  - *16 ta' Novembru 2022*
  - *18 ta' Novembru 2022*
  - *21 ta' Novembru 2022*
  - *3 ta' Diċembru 2022*

*Din tinsab annessa f'Appendiċi 10.*

- *Nohroġ voice messages skambjati bejn Jean Paul Sofia u Matthew Schembri: dawn jinsabu f'Appendiċi 1;*

- *Nikkonferma jekk il-mobile phones tal-Perit Adriana Zammit u ta' Jean Paul Sofia qattx għamlu kuntatt ma' John Muscat, Milomir Jovicevic jew Marku Jovicevic, u jekk*

*fl-affermattiv ic-chats u messaggi relattivi: l-esponent espert jikkonferma li ma nstabu l-ebda korrispondenzi bejn dawn il-partijiet;*

- *Noħroġ estrazzjoni separata tac-chats u messaggi bejn Jean Paul Sofia (JPS-MB01) u Whitefrost Hasan, Whitefrost Matthew u Whitefrost Osama: dawn jinsabu f'Appendiċi 1;*

- *Noħroġ korrispondenza misjuba fuq AZ-MB01 bħala 'Kurt Bennej ta' Matthew': dawn jinsabu f'Appendiċi 1;*

- *Noħroġ korrispondenza misjuba fuq AZ-MB01 bħala 'Andrew Kugin Matt': dawn jinsabu f'Appendiċi 1;*

- *Noħroġ l-imejls kollha misjuba minn AZ-MB01: dawn jinsabu f'Appendiċi 1;*

- *Nikkonferma minn ikkrea u d-data ta' meta ġie kreat id-dokument fil-format PDF intitolat 'Periti Discussion Group Thread' ġewwa l-'Kordin' folder misjuba f'AZ-PC01: dawn jinsabu f'Appendiċi 11. Dan id-dokument ġie kreat nhar it-Tlieta 3 ta' Jannar 2023 fis-19:12:57 mill-username 'adria'. Dan l-istess username instab fil-kompjuter tal-Perit Adriana Mangion u nstab ukoll powerpoint presentation bl-istess kontenut kreata ftit minuti qabel u printjat ukoll mill-username 'Adriana Zammit'. Dan ikompli jikkonferma li ġie kreat mingħand minn kellu aċċess għal dan il-kompjuter u l-kredenzjali ta' dawn il-kontijiet;*

- *Noħroġ estrazzjoni separata ta' kull forma ta' kuntatt li kien hemm bil-mobile bejn il-Perit Zammit u Jean Paul Sofia: ma nstabet l-ebda korrispondenza bejn il-Perit Zammit u l-vittma Jean Paul Sofia;*

- *Noħroġ korrispondenza misjuba fuq AZ-MB01 bħala 'Kurts Matthew': dawn jinsabu f'Appendiċi 1;*

- *Noħroġ korrispondenza misjuba fuq AZ-MB01 bħala 'Matthew Briffa', 'Donatella' u 'Owen Schembri': dawn jinsabu f'Appendiċi 1;*

- *Noħroġ kull ritratt u vidjows skambjati bejn Jean Paul Sofia u Matthew Schembri: dawn jinsabu f'Appendiċi 12.*

*L-esponent qiegħed jinkludi, f'Appendiċi numru 1, kopja tal-filmati prelevati, data maħruġa mill-evidenza diġitali hawn dokumentata flimkien ma kopja diġitali ta' dan ir-rapport."*

L-espert **Perit Prof. Alex Torpiano** ipprezenta it-traduzzjoni bil-lingwa Maltija tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Alfio Foti mogħtija fis-seduti tas-6 ta' Jannar 2023 u fit-18 ta' Jannar 2023, u dan in adempiment tal-inkarigu lilu mogħti fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023.

L-espert **Perit Prof. Alex Torpiano** ipprezenta r-relazzjoni tiegħu u ikkonkluda bil-mod segwenti:

**"9.0 L-Evalwazzjoni tal-Kollass**

9.1 Ix-xhieda tal-ħaddiema fuq is-sit, il-filmati miġbura mill-"cameras" tas-sigurta', kif ukoll ir-ritratti tas-sit wara l-inċident, jagħtu ħjiel dwar il-mekkaniżmu tal-kollass. Il-kollass kien wieħed li seħħ f'daqqa waħda, mingħajr ebda pre-avviż, u mingħajr xi ħsejjes qabel ma' beda nieżel is-saqaf, li fuqu kien hemm il-konkos frisk, u l-ħames ħaddiema msemmija qabel. Il-kollass, prattikament totali, tal-binja ħa tul ta' ftit sekondi. L-unika parti ta' l-istruttura li baqgħet wieqfa kienet it-tromba tat-taraġ, li kienet tinkludi t-taraġ, xaft għall-"lift" għall-passiġġieri, "toilet" u xaft għas-servizzi – tromba li kienet ikkaratterizzatha b'serje ta' ħitan qosra, xi kultant marbutin ma' xulxin, b'soqfa tal-konkos rinforzat, struttura li hija magħrufa għall-kompatezza tagħha ("lateral stiffness"). Hija n-norma li kwalunkwe struttura li ntrinsikament m'hijiex riġida lateralment, ("laterally stiff"), jkollha mqar parti mill-istruttura, per eżempju t-tromba deskritta hawn fuq ("core"), li tkun riġida biżżejjed, u li tista' torbot, u b'hekk tistabillizza, l-istruttura

kollha. F'dan il-każ, din t-tromba ma waqgħetx, anke jekk, kif deskritt hawn fuq, ġarrbet ħafna ħsara, **Dok. 34**[1].

9.2 L-espert sottoskritt ikkonsidra diversi ipoteżi dwar kif seta' seħħ il-kollass, billi evalwa xenarji differenti. L-ewwel xenarju kien li, waqt li kien qiegħed jingħata l-konkos, il-pompa tal-konkos ma ħadmietx seww, u tefgħet konkos mingħajr kontroll fuq l-armar; jew li l-operatur għamel żball u ħalla l-manka tal-pompa taqa' fuq is-saqaf. Kif ġa spjegat, apparti l-fatt li l-ebda wieħed mill-ħaddiema fuq is-saqaf ma xehed li ndunaw b'xi ħaġa mhux normali, jew li semmgħu xi ħoss, qabel il-kollass, dan it-tip ta' inċident seta' jikkawża biss ħsara lokali, fil-parti ċentrali tas-saqaf, bil-konsegwenza li, jekk din twassal għall-kollass akbar, kien jaqa' il-materjal 'l ġewwa, (u mhuz 'il barra kif ġara f'dan il-każ), u mhux jaffettwa is-saqaf kollu. Fi kwalunkwe każ, kif spjegat qabel, fil-mument tal-kollass, it-trakk "mixer" tal-konkos ma kienx qed iddur, u għalhekk ma kienx hemm konkos ippumpjat.

9.3 Xenarju ieħor kien li seta' daħal xi konkos, minn dak li kien qiegħed jingħata fuq il-bejt, jew bejn iż-żewġ qoxriet ta' briks tal-faċċata, jew fit-toqob ta' l-istess briks, biex b'hekk tinħoloq pressa li tista' tifqa' il-ħajt tal-briks 'il barra; dan ix-xenarju kien skartat għaliex biex il-pressa minn dan il-konkos taffettwa l-parti t'isfel tal-ħajt tal-faċċata, 'il fuq mill-livell tal-qatran, wieħed irid jagħmel ipoteżi li t-toqob kollha tal-briks kienu allinjati, wieħed fuq l-ieħor, minn fuq sa isfel, biex b'hekk jgħaddi l-konkos bla xkiel - din hija ħaġa mpossibbli. Anke kieku ġrat lokalment, dan ma setax jispjega il-kollass totali tal-binja.

[1] Ritratt meħud mill-espert sottoskritt

9.4 Xenarji oħra kienu li, jew fallew partijiet mill-armar ta' taħt is-saqaf li fuqu kien qiegħed jingħata l-konkos, jew li fallew xi planki, jew soqfa oħra, li fuqhom kienu armati l-puntali ta' l-armar. Kif spjegat qabel, apparti l-fatt li, meta tfalli planka mgħobbija, din tagħmel dan b'mekkanizmu splussiv, li żgur kien jinstema' mill-ħaddiema, dawn iż-żewg xenarji kienu jikkawżaw kollass lejn 'il gewwa tas-sit, u mhux 'il barra, kif fil-fatt jidher fir-ritratti **Dok. 35 u 36.**



//



**Dok. 34** Il-"Core" tal- binja li baqgħet wieqfa

9.5 Fil-fatt, għal dan ir-rigward, ir-ritratti **Dok. 35 u 36**, meħudin mill-espert sottoskritt nhar 3 ta' Diċembru 2022, ftit wara il-kollass, juru s-sit kollu wara l-kollass, qabel ma bdew jitneħħew il-fdalijiet ta' briks u konkos, fit-tfittxija għall-vittma. Huwa ċar li l-maġġor parti tal-materjal li waqa', ma waqax ġewwa s-sit, imma barra mis-sit, partikolarment fuq in-naħa tal-punent. Dan ifisser li l-mekkaniżmu rilevanti kien wieħed li tefa' l-ħajt tal-punent 'il barra.

9.6 Is-serje ta' ritratti, **Dok. 37a u 37b, sa 40a u 40b**, (kollha meħudin mill-espert sottoskritt nhar it-3 ta' Diċembru 2022) se jintużaw biex jiġi spjegat il-mekkaniżmu tal-kollass, mekkaniżmu li huwa konformi ma dak li jidher fil-filmati miġbura mill-"cameras" tas-sigurta', max-xhieda tal-ħaddiema, u, speċjalment, mal-kalkoli li saru mill-espert sottoskritt.



**Dok. 35** Ritratt meħud mill-bejt tal-fabbrika Garcia Woodworks – ċ-ċirku bl-aħmar juri nuqqas ta' mursaljar bejn il-ħajt ta' barra u d-diviżorji



**Dok. 36** Ritratt minn fuq il-bejt tal-fabbrika Garcia Woodworks



37 a





**Dok. 38** Ritratt li juri l-għoli mill-qatran sal-filata li daret meta seħħ il-kollass (ċirku aħmar) u, fuq wara, il-briks maqsum min-nofs bħala riżultat tal-kollass tal-planki, (vleġġa ħamra).



**Dok. 39** Ritratt li juri l-istess filata mdawwra



**Dok. 40a** L-istess filata mdawwra



**Dok. 40 b**

000044



**Dok. 41** (Dok. SM3[2] numru 8, 9 ta' Novembru 2022)

[2] Eżebit waqt x-xhieda ta' Matthew Schembri ta' 6 ta' Diċembru 2022



**Dok. 42** (Dok. SM3[3] numru 16, 17 ta' Settembru 2022)

9.7 Ir-ritratti **Dok. 37a u 37b sa 40a u 40b** jiffukkaw fuq il-fdalijiet tal-kantuniera bejn il-ħajt ta' wara, u l-parti ta' wara tal-faċċata t-twila, fuq il-punent. Jidher ċar li, madwar 8 filati mill-livell li jidher iswed (bil-qatran), il-filata daret ħaġa waħda, waqt li kien niżel il-ħajt. Ir-ritratt **Dok. 37b** huwa l-istess bħal **Dok. 37a,** hlief li fuq ta' l-aħħar l-espert sottoskritt għamel żewġ linji bl-aħmar biex juri it-tidwir li sar riferenza għalih. L-istess, **Dok. 40b** huwa l-istess bħar-ritratt **Dok. 40a,** b'żewġ linji ħomor biex juru l-istess tidwir. Dan il-mekkaniżmu huwa konformi ma dak li jidher fil-filmati minn wara (ara **Dok.25.2**). Ir-ritratti **Dok. 41** u **Dok 42**, ippreżentati minn Matthew Schembri, (Dok. SM3), juru l-ħajt t-twil fuq

[3] Eżebit waqt ix-xhieda ta' Matthew Schembri ta' 6 ta' Diċembru 2022

il-punent minn barra, u minn ġewwa, waqt il-kostruzzjoni. Huwa rilevat li l-għoli tal-filata imdawra, f'Dok **37 sa 39,** jikkorrispondi ma' l-għoli mill-art ta' ġewwa sal-blata ta' fuq it-twieqi, kif indikat f'**Dok. 41 u 42.** Il-linja ħadra, f'**Dok. 41,** turi il-livell kritiku, fejn kien hemm tnaqqis qawwi fis-saħħa tal-ħajt, minħabba l-konfigurazzjoni ta' l-istess ħajt, jiġifieri in-numru għoli ta' aperturi li ħalla biss madwar kwart mit-tul tal-ħajt bħala solidu.

9.8 Dan kollu jindika li l-mekkaniżmu ta' kollass kien wieħed li beda ma' tul l-faċċata t-twila, billi beda ħiereġ l-istess ħajt 'il barra, minħabba l-irquqija tal-ħajt, partikolarment fejn indikat fil-paragrafu ta' qabel; u dan il-muviment dawwar il-kantuniera li kienet immursaljata mal-ħajt ta' wara. Dan it-tidwir mhux il-kawża, imma ndikazzjoni ta' x'ġara.

9.9 Ir-ritratti **Dok. 43 u 44,** meħudin mill-espert sottoskritt fid-9 ta' Marzu 2023, meta il-post kien sigur biżżejjed, juru parti mill-ħajt rimanenti, ma' tul il-faċċata t-twila. Il-vleġġeġ ħomor juru (a) konkos magħqud, f'zona fejn, qabel ma waqa' il-ħajt, kien hemm il-briks, u (b) ċarċir ta' konkos mal-faċċata nterna ta' dak li kien il-"basement". Dan iċ-ċarċir huwa 'il quddiem miċ-ċentru ta' l-istess faċċata. Is-sinifikat ta' dan huwa li meta beda jmil il-ħajt 'il barra, u l-filata ta' taħt inqalbet, il-konkos frisk, li kien ingħata fuq il-bejt, beda jaqleb lejn it-tarf ta' l-armar, u waqa l-isfel sakemm laqgħat il-parti tal-ħajt, issa mikxufa, u kompla jċarċar l-isfel mal-ħajt. Dan ifisser li il-ħajt waqa' ftit mumenti qabel ma beda nieżel is-saqaf. Dan huwa konformi ma l-ipoteżi li l-kollass ma kienx wieħed intern, fuq is-saqaf, għaliex kieku l-konkos frisk kien jaqleb 'il ġewwa, lejn in-nofs.



**Dok. 43** Ritratt (meħud mill-espert sottoskritt t-15 ta' Marzu 2023), li juri (i) ċarċir tal-konkos fuq ġewwa tal-ħajt, li jfisser li l-ħajt waqa' 'il barra, u fl-istess ħin, beda niżel l-armar u għalhekk il-konkos li kien għadu ma għaqadx; (ii) konkos magħqud fejn qabel kien hemm waħda mill-qoxriet tal-ħajt tal-briks, li waqa' hawn wara li l-briks inqaleb.



**Dok. 44** Ritratt (meħud mill-espert sottoskritt t-15 ta' Marzu 2023) li juri l-istess

ċarċir u konkos magħqud

9.10 Ir-ritratt **Nru. 43** juri wkoll kif, il-briks ta' fuq il-qatran orizzontali ("plastic membrane") huwa maqlub 'il barra, u mhux 'il ġewwa, li jikkonferma il-mod kif waqa' il-ħajt. Dan huwa konformi wkoll mad-deskrizzjoni tal-mument tal-kollas ta' Boris Cutajar.

9.11 Fuq in-naħa tal-appoġġ, fuq il-lvant, jidher li s-soqfa li kienu qed jistrieħu minn dan l-appoġġ għal fuq il-faċċata t-twila, fuq il-punent, waqgħu 'il ġewwa – it-tidwir tal-briks, il-grif mal-ħajt tat-tromba tat-taraġ, u l-qsim tal-planki fil-qabda, jixhdu dan, **Dok.45.**



**Dok. 45** Ritratt meħud mill-espert sottoskritt t-3 ta' Diċembru 2022, qabel ma twaqqa' l-ħajt mill-Protezzjoni Ċivili

9.12 Ir-ritratti **Dok. 46 sa 48,** meħudin mill-espert sottoskritt, nhar it-3 ta' Diċembru 2022, (ħlief fejn indikat), juru li fejn kien maħsub li jkun hemm ħajt dobblu, ż-żewġ qoxriet tal-ħajt dobblu ma kienux marbutin ma xulxin, kif titlob is-sengħa. Dan in-nuqqas għandu sinifikat strutturali, għaliex, għal dak li għandu x'jaqsam ma stabbilta' laterali ("lateral stiffness"), ħajt dobblu marbut għandu saħħa aktar minn erba' darbiet daqs żewġ qoxriet mhux marbutin. Ir-riżultat ta' dan jidher fir-ritratti **Dok. 27.2, 27.3 u 33** fejn iż-żewġ qoxriet qed jisseparaw.



**Dok. 46**



**Dok. 47** (meħud mill-espert sottoskritt 19 ta' Diċembru 2022)



**Dok. 48** (meħud mill-espert sottoskritt 19 ta' Diċembru 2022)



**Dok. 49** (Dok. SM3[4] numru 47)

9.13 Ir-ritratti **Dok. 49 sa 57** juru li kien hemm ftit, kważi l-ebda, rbit bejn l-elementi tal-binja, fis-sens ta' ħadid li jgħaddi minn element għal ieħor. Ir-ritratti **Dok. 33 u 35** juri nuqqas ta' irbit bil-mursalli bejn ħajt u ieħor. Dan l-irbit huwa partikolarment importanti għall-integrita' ta' binja f'każ ta' inċident ("resilience"). Fil-pjanti tal-perit Adriana Zammit, u partikolarment **Dok.11**, jidhru d-dettalji tal-blajjet, (Lintel 1, 2 u 3). Dawn id-dettalji jagħtu istruzzjonijiet dwar il-ħadid li kellu jitwaħħal ġol-blajjet, imma ma hemm l-ebda istruzzjoni dwar xi ħadid li kellu jorbot minn blata għal oħra. Fil-fatt, fir-ritratti **Dok. 49 u 50** jidher li m'hemmx il-ħsieb li kien hemm bżonn ta' kontinwita' bejn il-blajjet fl-ewwel sular, u, fil-fatt, **Dok. 51** juri li ma sar l-ebda irbit.

9.14 Il-pjanti murija **f'Dok. 14, 15 u 16** jagħmlu riferenza għall-"spreader beam", bil-qies ta' 460mm wisgħa u 230mm għoli; sfortunatament, dak li kien hemm bżonn kien "tie-beam", jew "ring-beam", jiġifieri ċintorin rinforzat mad-

[4] Eżebit waqt ix-xhieda ta' Matthew Schembri ta-6 ta' Diċembru 2022

dawra kollha tal-perimetru tal-binja, kif indikat fid-dokument MSA EN 1991-1-7:2006 – Accidental Actions. L-istess dokument jindika l-bżonn ta' irbit min-naħa tal-binja għall-oħra. **Dok. 11** juri li l-perit Adriana Zammit speċifikat ħadida T25 bejn kull planka, imma ma tat l-ebda indikazzjoni li din il-ħadida kellha tintrabat mal-perimetru. Fil-fatt, **Dok. 52 u 53** juru li ma kien hemm l-ebda ħadid ħiereġ mill-"spreader beam" biex jintrabat ma xi ħadid bejn il-planki. Dan huwa konfermat fid-diversi biċċiet ta' travi/blajjet tal-konkos li nstabu fit-tifrik, **Dok. 54, 55,** (meħuda mill-espert sottoskritt tit-3 ta' Diċembru 2022) **u 56** (meħud bid-"drone").



**Dok. 50** (Dok. SM3[5] numru 9, 9 ta' Novembru 2022)

[5] Eżebit fix-xhieda ta' Matthew Schembri ta' 6 ta' diċembru 2022



**Dok. 51** (Dok. SM3[72], numru 54)



**Dok. 52** (Dok.SM3[6] numru 60, 11 ta' Mejju 2022)



**Dok. 53** (Dok. SM3[72] numru 46)

[6] Eżebit waqt ix-xhieda ta' Matthew Schembri s-6 ta' Diċembru 2022



Dok. 54



**Dok. 55**[7]

[7] Rapport ippreżentat mill-Protezzjoni Ċivili



**Dok. 56** (meħud bid-drone tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili) Ritratt juri il-biċċiet ta' travi u blajjet.



**Dok. 57**



Dok. 58

9.15 Lanqas ma jidher li kien hemm biżżejjed irbit bejn is-soqfa "in situ" u t-tromba tat-taraġ ("staircore"), li kif spjegat qabel, setgħet tagħti element ta' stabbilta' lill-binja, **Dok. 57 u 58,** (meħuda mill-espert sottoskritt it-3 ta' Diċembru 2022). Din hija partikolarment importanti għall-istabbilta' tal-faċċata ta' quddiem, li kienet karatterizzata minn fetħiet kbar u għoljin, **Dok. 59**, bi, prattikament, l-ebda irbit fil-kantunieri. Fil-fatt, jidher li l-faċċata ta' quddiem inbniet wara il-kumplament tal-ħitan.

9.16 Huwa rilevat, fl-aħħar nett, li meta l-planki jitqiegħdu fuq il-ħitan, dawn jkunu mqammrin 'il fuq, minħabba n-nuqqas ta' piż fuqhom, (**Dok. 60**). Meta jitgħabbew, il-planki jiżżaqqu l'isfel, u b'dan il-proċess jistgħu jitfgħu għafsa 'il barra, partikolarment jekk ma jkunx hemm l-irbit meħtieġ.



**Dok. 59** (Dok. SM3[8] numru 15, 16 ta' Settmbru 2022)

[8] Eżebit max-xhieda ta' Matthew Schembri tas- 6 ta' Diċembru 2022



**Dok. 60** (Dok. SM3 numru 69) Il-planki mqammrin 'il fuq

9.17 Kif spjegat qabel, il-kalkoli ta' l-espert sottoskritt jikkonfermaw li minħabba l-għoli tal-ħajt tal-faċċata ta' fuq il-punent, it-tul ta' l-istess bejn il-ħajt tal-faċċata ta' quddiem u il-ħajt ta' wara, kif ukoll in-numru ta' fetħiet kbar fl-istess ħajt, u, mhux anqas, il-fatt li l-ħitan dobblu ma kienux ikkatenati, skont l-espert sottoskritt, l-ħajt tal-faċċata fuq il-punent ma kienetx stabbli, u li setgħet taqa' fi kwalunkwe mument. Meta beda jegħleb dan il-ħajt 'il barra, probabbilment fuq assi orizzontali bejn it-twieqi ta' taħt, tal-pjan terran, u t-twieqi ta' fuqhom, probabbilment fil-parti ċentrali ta' l-istess ħajt, ma kien hemm xejn li jżomm il-ħajt milli jkompli jaqa' kollu. Fuq wara, kien hemm xi ftit irbit mal-ħajt ta' wara, u għalhekk baqgħu xi filati f'posthom. Fuq quddiem, fejn kien hemm zewg fetħiet enormi, fuq għoli ta' 5.4 metri, ma kien hemm xejn li seta jirfed il-ħajt, u għalhekk waqa kollox. Fin-nuqqas ta' irbit tal-ħajt, tramite ir-rinforz fis-soqfa, bejn l-istess ħajt u t-tromba tat-taraġ u l-"lift" tal-persuni, ma kien hemm xejn biex iżomm il-ħajt milli jaqa' kollu. U, kif waqa' il-ħajt, waqgħu s-soqfa kollha.

9.18 Dina hija l-unika spjegazzjoni li tikkonforma ma' l-evidenza kollha, cjoe' mal-konfigurazzjoni tal-ħitan tal-faċċata u tal-ġenb it-twil, mad-dettalji tal-kostruzzjoni, mal-fdalijiet ta' wara l-kollass, max-xhieda tal-ħaddiema, kif ukoll mal-kalkoli bbażati fuq il-ġeometrija tal-binja.

9.19 Waqt li t-tromba tat-taraġ u l-"lift" tal-persuni kienet struttura stabbli, mqabbla mal-kumplament, sfortunatament, il-kumplament tal-binja ma kienetx marbuta sewwa ma din l-istruttura, u għalhekk waqa' kollox ħlief it-tromba, (u ħajt wieħed indikat bi vleġġa ħamra fuq r-ritratt **Dok. 36**, li twaqqa' mill-Protezzjoni Ċivili waqt it-tfittxija għal Jean Paul Sofia, biex jagħmlu il-post aktar sigur waqt l-istess tfittxija.)

**10.0 Konsiderazzjonijiet ohra**

10.1 L-espert sottoskritt jixtieq jagħmel diversi osservazzjonijiet dwar affarijiet li ħarġu mix-xhieda, u mill-provi miġbura, u li jiffurmaw il-kuntest sħiħ ta' din t-traġedja.

10.2 L-ewwel punt huwa li l-għarfien tal-ħaddiema mqabbda biex jagħmlu x-xogħol kien nieqes, u la kien immexxi sewwa u lanqas ma kien hemm xi tip ta' kontroll, minn xi awtorita', li fil-fatt il-ħaddiema kellhom biżżejjed sengħa u għarfien biex jagħmlu x-xogħol li kienu qed jagħmlu. John Muscat, li kien indikat bħala l-bennej bil-liċenzja, nnega[9] li huwa kien fil-fatt iffirma li kien se jieħu s-sit f'idejh. Mill-investigazzjoni[10] ħareġ li l-firma fil-fatt ma kienetx tiegħu, u li xi ħaddieħor iffalsifika l-istess firma tiegħu. Ir-riżultat ta' dan kien li ma kien hemm ħadd bis-sengħa li seta' jifhem sewwa dak li kienu qed jagħmlu, u l-konsegwenza ta' ċertu nuqqasijiet, per eżempju li l-ħitan dobblu ma kienux marbutin ma xulxin,

[9] Seduti tal-11 ta' Jannar 2023 u tad-9 ta' Frar 2023
[10] Ara rapport ta' Joseph Mallia, espert ta' kaligrafija

jew li ma kienx hemm irbit bejn il-ħadid ta' bejn il-planki u s-suletta li kien hemm fuq il-ħitan, jew li l-ħitan ma kienux mmursaljati sewwa ma xulxin. Dan-nuqqas ta' għarfien huwa fatt li kienu jafuh kemm il-kuntrattur u kemm is-sidien li kellhom l-obbligu li jqabbdu nies bis-sengħa biex jibnu l-proġett tagħhom. Huwa importanti li l-awtoritajiet jimponu sistema mhux biss ta' liċenzjar ta' ħaddiema tal-kostruzzjoni, mill-aktar fis possibbli, kemm għall-ħaddiema Maltin u kemm dawk barranin, imma ta' taħriġ serju fuq il-bżonnijiet attwali ta' l-industrija tal-kostruzzjoni.

10.3 Jidher li ma tul il-proċess ta' kostruzzjoni, kienu diversi l-ħaddiema li ngabu fuq il-lant tax-xogħol – skont xi xhieda[11], daqqa minn MilMar Construction Limited u daqqa minn Matthew Schembri - u għalhekk kien diffiċli li wieħed jifhem min għamel x'hiex, u liema mgħallem kien responsabbli għal x'hiex. Saħansitra fil-jum tal-kollass, ma kienx ċar min kien fuq is-sit, u min ma kienx – qatt ma nżamm reġistru ta' ħaddiema ta' fuq is-sit. Ċertament, dakinhar aktar kmieni filgħodu kien hemm oħrajn jaħdmu fuq is-sit. Ir-rwol tal-vittma Jean Paul Sofia, li ma kienx impjegat ta' MilMar Construction Limited, imma ta' WhiteFrost Co. Limited[12], jidher li kellu x'jaqsam ma' xogħol ta' kostruzzjoni, anke fuq siti oħra, għaliex jidher, mil-vidjo elevat mis-sit[13], li minnu ttieħed r-ritratt **Dok.30**, li ġie b'vann mgħobbi b'materjal li huwa għen jbattal fi "skip"; u wara ħa xi armar mis-sit ta' Kordin għal xi post ieħor. Meta reġa lura lejn is-sit, jidher li r-rwol tiegħu kien differenti, għaliex tela' sal-bejt u ħa ritratti tan-nies jaħdmu. Huwa fondamentali għas-sigurta' u s-saħħa tan-nies, inkluż ħaddiema, li fuq kwalunkwe sit ta' kostruzzjoni, ikun hemm kontroll sħiħ ta' min jidħol fis-sit, u li jkun hemm xi ħadd li jaf eżatt min qiegħed jaħdem u fuqhiex, kif hija n-norma barra minn Malta. Din l-persuna għandha tkun il-persuna li tidderiġi x-xogħol, b'awtorita' sħiħa fuq is-sit, u li tkun fuq il-lant kontinwament. Skont Regolament 6 Nru. 6, fi

[11] Xhieda ta' Kurt Buhagiar u Matthew Schembri, seduta tas-6 ta' Diċembru 2022, Gentjan Carku, seduta tad-9 ta' Frar 2023; Mill-banda l-oħra, Denis Carku, fis-seduta tal-20 ta' Diċembru 2022, u Lulzim Carku, fis-seduta tad-9 ta' Frar 2023 xehdu li kien Matthew Schembri li ġabhom fuq is-sit.
[12] Dokument (Dok. LB1) eżebiti minn Louis Buhagiar, seduta tas-6 ta' Jannar 2023
[13] Vidjo mill-"Camera Nru.1" NVR Construction Site, elevat mill-espert Keith Cutajar, Rapport MF-20221203-C-K

Skeda II ta L.S.552.09, hija responsabilta' tas-"sid" li jassigura li ma jkunx hemm aċċess mhux awtorizzat.[14]

10.4 Minn dawk li kienu fuq is-sit fil-mument tal-kollass, l-aktar anzjan kien Lulzim Carku, li xehed li kellu 20 sena esperjenza fil-kostruzzjoni, u li kien għamel kors ta' taħriġ, f'pajjiżu, l-Albania, għalavolja, skont ix-xhieda tiegħu[15], din l-esperjenza kienet aktar fuq xutter u "bricks" (li huma differenti minn ta' Malta). Huwa xehed li meta ġie Malta għamel kors ta' nofs ta' nhar, f'xi lok f'Ħal Qormi; mhux ċar jekk dan il-post kienx stabbiliment liċenzjat biex jagħti dan it-taħriġ, jew li joħroġ xi liċenzji – fil-fatt Lulzim Carku lanqas ma seta' jidentifika l-post fejn ħa dan it-taħriġ; f'kwalunkwe każ, skont l-istess xhud[16] dan it-taħriġ kien l-aktar fuq sistemi ta' armar għall-konkos. Huwa xehed li, fuq il-proġett ta' Kordin, huwa ma tantx ħadem fuq ħitan, u lanqas ma kien jaħdem hemm kuljum.

10.5 Gentjan Carku xehed[17] li huwa ma kellu l-ebda taħriġ fil-kostruzzjoni; madanakollu huwa kien ħadem fuq il-bini tal-ħitan tal-fabbrika ta' Kordin, minn Lulju 2022. Denis Carku ukoll xehed li ma kellux xi kwalifiki partikolari dwar il-kostruzzjoni; huwa xehed li ħadem fuq l-armar.[18] Huwa xehed ukoll li qabel il-kollass huwa kien ħadem fuq is-sit għal xi erbat ijiem, imma mhux konsekuttivi. Huwa rilevat li dawn il-ħaddiema, kif ukoll Milomir u Marku Jovicevic, meta kienu fuq il-kotba ta' AllPlus Limited, kienu kollha reġistrati bħala mastridaxxa. L-istorja ta' l-impjieg tagħhom, li għadda, anke wara l-kollass, minn AppPlus Limited għal MilMar Construction Limited, jkompli juri taħwid u manovrar li żgur m jassigurax d-drittijiet ta' l-istess ħaddiema.

10.6 Dan kollu jagħti stampa ta' nuqqas ta' kontinwita' fuq is-sit, mingħajr ħadd ma jkollu viżwali sħiħa tal-proġett, ħlief Matthew Schembri – li lanqas ma kien fuq is-sit kontinwament – u, ftit anqas, Kurt Buhagiar. Mix-xhieda tal-

[14] L.S.552.09, Regolamenti dwar l-Immaniġġjar Ambjentali tas-Siti ta' Kostruzzjoni, li kien viġenti fid-data ta' l-inċident. Fit-12 ta' Diċembru 2022, jiġifieri wara d-data ta' l-inċident, L.S. 552.09 ġie revokat u minflok ippubblikat L.S. 623.08, intitolat Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni, fit- 12 ta' Diċembru 2022, jiġifieri wara l-inċident, imma fil-fatt LS. 623.08, fit-Tieni Skeda, Regolament 6, jesiġi l-istess affarijiet.
[15] Seduta tad-9 ta' Frar 2023
[16] Seduta tad-9 ta' Frar 2023
[17] Seduta tad-9 ta' Frar 2023
[18] Seduta tas-6 ta' Diċembru 2022

ħaddiema jidher li Matthew Schembri kien dak li jagħti struzzjonijiet dwar ix-xogħol li kellu jsir fuq il-lant. Il-ħaddiema xehdu[78] li qatt ma raw l-ebda mara, w allura lanqas setgħu raw lill-perit Adriana Zammit, waqt li huma kienu jaħdmu, u anqas u anqas qatt rċevew istruzzjonijiet minn għandha. Anke jekk il-perit żahret is-sit, m'huwiex ċar min kien il-bniedem tas-sengħa li setgħet tagħtih struzzjonijiet, biex ix-xogħol isir kif suppost. Matthew Schembri xehed li huwa kien il-kuntatt bejn il-Perit Adriana Zammit u MilMar Construction Limited. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-messaġġi li kien hemm fuq WhatsApp kemm tal-grupp KW70 kif ukoll bejn dawn it-tnejn[19]. It-tmexxija teknika tas-sit, u s-superviżżjoni, tidher li kienet bil-WhatsApp u ritratti ta' xi ħadd bħal Jean Paul Sofia!

10.7 L-arranġamenti kontrattwali bejn is-sidien u dak li suppost kien il-kuntrattur, MilMar Construction Limited, C. No. C94812, mhux biss kienu verbali[20], imma vagi. L-ewwel nett, saħansitra l-isem ta' min kien qed jiżvilluppa s-sit ma kienx ċar, jew kien inbidel mingħajr ebda ċarezza – ċ-ċens ingħata lill-AllPlus Limited, l-awtorizazzjoni tad-DNO ntalbet f'isem Matthew Schembri, in-Notifika ta' Bidu f'isem AllPlus Limited. Il-materjali għall-kostruzzjoni kienu ġeneralment jiġu ordnati minn Matthew Schembri, daqqa' f'isem AllPlus Limited, u daqqa' f'isem WhiteFrost Co. Limited. L-inġenji kienu wkoll mikrija minn Matthew Schembri, daqqa' minn Polidano Brothers Limited, imma daqqa' minn għand ħaddieħor. Wieħed jieħu l-impressjoni li MilMar Construction Limited kienet biss tipprovdi mano d'opera, pero' huwa ċar ukoll li kien hemm ħaddiema fuq is-sit li ma kienux impjegati ta' MilMar Construction Limited, per eżempju, u mhux biss, Jean Paul Sofia u Vlademir Laketic. Milomir Jovicevic, li skont x-xhieda, (Dok.CF2), ta' Claudette Fenech[21], Legal Adviser Malta Business Register (MBR), kien wieħed mid-diretturi ta' MilMar Construction Limited – id-direttur l-ieħor kienet Dijana Jovicevic – għażel li ma jixhiedx[22]. Skont l-istess xhieda ta' Claudette Fenech, is-soċjeta' MilMar Construction Limited kienet iffurmatha fis-26 ta' Frar 2020, jiġifieri ftit xhur qabel ma beda l-iżvilupp in kwistjoni. Qabel dan, Milomir

[19] Messaġġi bejn il-perit Adriana Zammit u Matthew Schembri li ġew elevati mill-mobajl tal-perit Adriana Zammit, mill-espert Keith Cutajar
[20] Xhieda ta' Matthew Schembri, seduate tas-6 ta' Diċembru 2022
[21] Seduta tas- 6 ta' Jannar 2023
[22] Seduta tal-11 ta' Jannar 2023

Jovicevic, u anke Marko Jovicevic, kienu impjegati ta' l-istess AllPlus Limited.[23] Louis Buhagiar, Senior Executive JobsPlus, xehed li sas-6 ta' Jannar 2023 is-soċjeta' kellha rreġistrati tlettax il-ħaddiem, fosthom Milomir Jovicevic, ID 178806A, mniżżel bħala "manager", Dijana Jovicevic ID 148221L, (li kienet mniżżla bħala "Administration" sat-3 ta' Lulju 2022, u wara bħala "Construction Labourer), u Marko Jovicevic, ID 186741A, mniżżel bħala Construction Labourer. Wara l-kollass, fil-15 ta' Diċembru 2022, Denis Carku ġie reġistrat ma' MilMar Construction Limited, (Dok. LB2[24]). U Gentjan Carku għadda minn AllPlus Limited għall-MilMar Construction Limited, wara applikazzjoni li saret lill-Identity Malta fis-7 ta'Novembru 2022 (it-terminazzjoni ta' l-impjieg ma AllPlus Ltd. għandha d-data tat-2 ta' Ottubru 2022), u registrazzjoni ma JobsPlus li saret fl-24 ta' April 2023, effettiv mis-7 ta' Novembru 2022. M'huwiex ċar għaliex dawn il-manuvri fl-impjiegi.

10.8 Matthew Schembri[25] kien xehed li meta qabbdu lil MilMar Construction Limited (ix-xhud juża l-kliem Milomir Limited), kienu tkellmu ma żewġ aħwa, "Milo u Marco", imma, skont ix-xhieda ta' Claudette Fenech, msemmija fuq, id-diretturi tas-soċjeta' kienu Milomir u Dijana Jovicevic. Xejn m'hu ċar. Biex l-Art.1638 tal-Kodiċi Ċivili, li jattribwixxi responsabbilta' għall-integrita' strutturali ta' binja lill-perit u lill-kuntrattur (appaltatur), jkun verament effikaċji, hemm bżonn li d-dokumenti uffiċjali jirreġistraw b'mod inekwivoku l-isem tal-kuntrattur daqs kemm jirreġistraw l-isem tal-perit.

10.9 L-arranġament kontrattwali bejn il-perit Adriana Zammit u l-iżviluppaturi baqa' mhux ċar. L-ewwel kuntatti dwar il-proġett jidher li saru bejn Kurt Buhagiar u il-perit Adriana Zammit, skont l-iskambju ta' messaġġi bejn dawn it-tnejn rilevati fil-mobajl tal-perit Adriana Zammit, (ara Anness Dok. E). Dawn l-iskambji – mhux limitati għall-proġett ta' Kordin – komplew l-iżjed waqt l-ipproċessar ta' l-applikazzjoni u l-ħruġ tal-permessi relattivi tal-proġett ta' Kordin.

[23] Xhieda ta' Louis Buhagiar, seduta 12 ta' Lulju 2023, Dok. LB 12
[24] Seduta tas-6 ta' Jannar 2022
[25] Seduta tas-6 ta' Diċembru 2022

Jidher li ta' dawn l-affarijiet kien responsabbli Kurt Buhagiar, minħabba il-kuntatti tiegħu.

10.10 Waqt il-proċess ta' kostruzzjoni, l-perit Adriana Zammit tidher li kienet tiddependi ħafna fuq WhatsApp tal-grupp KW70 biex tibgħat istruzzjonijiet (lill-grupp ta' Matthew Schembri, Kurt Buhagiar, u, fi stadju aktar tard lill Andre' "kuġin" ta' Matthew Schembri), u biex tirċievi ritratti sabiex tkun taf x'qiegħed jiġri fuq is-sit. Il-messaġġi fuq l-istess WhatsApp tal-grupp KW70 bejn il-perit Adriana Zammit u l-iżviluppaturi, partikolarment Matthew Schembri, jagħtu stampa li hija għamlet superviżjoni bbażata fuq ir-ritratti mibgħuta mill-istess. Hemm diversi okkażjonijiet[26], per eżempju, nhar 10 ta' Settembru 2022, meta il-perit Adriana Zammit titlob "ritratti tat-travi u tas-suletta li tajt", jew 9 ta' Lulju 2022, meta titlob informazzjoni dwar il-progress fuq is-sit, jew 29 ta' Settembru 2021, meta ssaqsi spjegazzjoni ta' dak li qed tara fir-ritratt li rċeviet. Skont ix-xhieda ta' Matthew Schembri[27], il-Perit Zammit u Matthew Schembri kienu jiltaqgħu fuq is-sit madwar kull ġimagħtejn. Jidher minn dawn il-messaġġi fuq il-WhatsApp tal-grupp KW70, msemmi qabel, li l-viżti tagħha kienu jsiru meta Matthew Schembri javża, per eżempju, li l-ħadid lest għall-konkos, per eżempju fl'4 ta' Jannar 2022, u 2 ta' Diċembru 2022. Informazzjoni ta' pjanti u dettalji wkoll kienu joħorġu bil-WhatsApp tal-grupp KW70[92], per eżempju fis-7 ta' Lulju 2021, 9 ta' Ottubru 2021, 4 ta' Jannar 2022, 3 ta' Marzu 2022, 30 ta' April 2022, 19 ta' Lulju 2022, 22 ta' Lulju 2022, 10 u 11 ta' Settembru 2022, mill-perit Adriana Zammit lill Matthew Schembri, li għalhekk kien il-persuna li kien jagħti struzzjonijiet fuq is-sit. Dan huwa kkonfermat fix-xhieda tal-ħaddiema li kienu fuq is-sit, meta seħħ il-kollass. Fix-xhieda tiegħu[28], Matthew Schembri stqarr li huwa kien ħa dan ir-rwol minħabba li kien hemm "language barrier" mal-kuntrattur (jiġifieri Milomir Jovicevic). Din l-ispjegazzjoni ma tantx tagħmel sens, l-ewwel nett għaliex il-perit Adriana Zammit żgur li kapaċi titkellem bl-Ingliż daqsu; u t-tieni għaliex mix-xhieda tal-ħaddiema li kienu fuq is-sit fil-jum tal-kollass, l-istruzzjonijiet ma kienux jeħduhom minn Milomir Jovicevic, imma direttament

[26] Anness Dok. D

[27] Seduta tas-6 ta' Diċembru 2022

[28] Seduta tas-6 ta' Diċembru 2022

minn Matthew Schembri, – għalavolja l-ħaddiema ma kienux jifhmu l-Ingliż sewwa. Ma jidhirx li kien hemm xi kuntatt bejn il-Perit Adriana Zammit u l-kuntrattur, jew il-bennej. Ħadd mill-ħaddiema ma xehed li kien ra xi mara fuq is-sit.

10.11 Matthew Schembri kien indikat bħala "Site Manager"; hu iddefinixxa r-rwol tiegħu bħala wieħed li "jiffolowja x-xogħol bl-instructions tal-perit". Ma jidhrix li Matthew Schembri kellu xi kwalifiki teknići biex jagħmel dan ix-xogħol, u biex, effettivament, jieħu l-post tal-bennej bil-liċenzja, jew tal-kuntrattur. Mill-provi (Martin Farrugia, rappreżentant tal-BCA fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2023) jirriżulta li la Matthew Schembri u lanqas Kurt Buhagiar ma qatt kellhom licenzja ta' bennej. Kurt Buhagiar xehed[29] li kważi ma kien jaf xejn dwar l-arranġamenti kontrattwali, la ma MilMar Construction Limited u lanqas mal-Perit Adriana Zammit, imma il-WhatsApp chats bejnu u l-Perit Adriana Zammit[30], (estratti mill-mobajl tal-Perit Zammit, mill-espert Keith Cutajar), juru li huwa kien fil-fatt ilu jaħdem bil-Perit Adriana Zammit, u li huwa kien imexxi l-iproċessar tal-permessi meħtieġa, kemm ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kemm ta' oħrajn. U huwa kien isegwi l-messaġġi WhatsApp kollha bejn il-Perit Zammit u il-grupp msemmi qabel (KW70).

10.12 Dwar r-rwoli ta' l-entitajiet ta' kontroll, wieħed jinnota li, skont ix-xhieda[31] ta' Dr.Mark Gauci CEO OHSA, ladarba jidher li s-sidien ma avżawx lill-Awtorita' għas-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, kif suppost, il-proġett ma waqax taħt ir-radar ta' l-Awtorita'. Ma kien hemm l-ebda spezzjoni mill-uffiċjali ta' l-Awtorita', anke biex jaraw jekk is-sit kienx sigur għall-ħaddiema, jekk kienx hemm l-ilqugħ meħtieġ, u jekk kellhomx l-ilbies protettiv li suppost kellhom, eċċ.. Għaldaqstant ma kien hemm ħadd biex jassigura li r-rekwiżiti ta' L.S.424.36[32] jiġu sodisfatti. Ħarsa lejn ir-ritratti kollha ta' waqt il-kostruzzjoni, per eżempju dawk

---

[29] Seduta tas-6 ta' Diċembru 2022
[30] Ara Anness Dok. E, li huma estratti mill-iskambji bejniethom, għal dak li għandu x'jaqsam Kordin.
[31] Seduta ta' l-20 ta' Diċembru 2022
[32] Regolamenti dwar il-Post tax-xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u Sigurta' tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni.

eżebiti minn Matthew Schembri[33] jew fil-fajl tal-perit Adriana Zammit, elevati mill-Pulizija fit-28 ta' Marzu 2022, jew fil-mobajl ta' Jean Paul Sofia, turi li l-ebda wieħed mill-ħaddiema ma qatt kien jilbes xi ilbies protettiv.

10.13 Minħabba li s-sit kien f'qasam industrijali, ma kienx hemm bżonn ta' permessi minn għand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, bħal binjiet oħra; kien hemm bżonn biss ta' Notifika – din hija għażla istituzzjonali li fil-fatt tinkoraġixxi il-perċezzjoni li ma kienx hemm bżonn ta' ħafna kontrolli fil-kostruzzjoni ta' fabbriki fejn jaħdmu ħafna ħaddiema. Minħabba li ma kienetx binja li tmiss ma' terzi, ma kienx hemm bżonn li japplikaw ir-rekwiżiti ta' Avviż Legali 136 ta' 2019, li jinkludu Uffiċjal Tekniku tas-Sit (STO), u polza ta' assigurazzjoni. B'konsegwenza ta' dan, il-binja ma tantx kienet tidher fuq ir-radar ta' l-Awtorita għall-Bini u Kostruzzjoni (BCA), li għalhekk, ma tul sentejn u nofs ta' proġett, ma kienu qatt żaruha l-uffiċjali tagħha, anke, skont ix-xhieda[34] ta' Sean Mizzi rappreżentant ta' l-Awtorita', minħabba nuqqas ta' riżorsi. Għall-istess raġuni, ma kienx hemm bżonn ta' "Method Statement", u, konsegwentement, għal ċertifikazzjoni ta' krejn, jew armar.

10.14 Ix-xhieda[35] ta' Joseph Saliba, Head of Section tal-Liċenzji (Licensing and Accreditation), dwar il-proċeduri ta' tiġdid tal-liċenzji tal-bennejja turi li dina hija bbażata biss fuq il-ħlas tal-liċenzja u m'hemm l-ebda mekkaniżmu li bih tista' tiġi evalwata il-kapacita' teknika, u speċjalment is-saħħa, ta' bniedem li jkun ġa pensjonant, kif kien John Muscat, il-bennej iddikjarat fl-Avviż tal-Bidu, għalkemm ma iffirmax huwa.

10.15 Is-smigħ tax-xhieda f'dan il-każ tagħti stampa ta' tferfix u dilettantiżmu fl-industrija tal-kostruzzjoni, li ma tirriflettix s-serjeta' u l-perikoli tax-xogħol fuq is-siti. Fil-fehma ta' l-espert sottoskritt, dan huwa l-kuntest li jwassal għall-kollassi bħal dak li seħħ fit- 3 ta' Diċembru 2022.

[33] Dok. SM3, seduta tas-6 ta' Diċembru 2022
[34] Seduta tas-6 ta' Diċembru 2022
[35] Seduta 26 ta' Jannar 2023

## 11.0 Konklużjonijiet

Il-kawża tal-kollass ġiet spjegatha hawn fuq.

Ir-raġuni prinċipali tal-kollass kienet id-diżinn strutturali tal-binja, li naqas li jikkonsidra kemm aspetti ta' stabbilta' ta' ħitan, skont l-"istandards" applikabbli, kif ukoll ta' resiljenza, jew irbit, ta' l-istruttura, għal kontra kolassi katastrofiċi f'każ ta' inċident. Il-konfigurazzjoni tal-ħitan, u l-aperturi kbar, fuq iż-żewġ faċċati, wassal għan-nuqqas ta' kapaċita' strutturali tal-ħajt t-twil tal-ġenb, li jiflaħ il-piżijiet ta' fuqu. In-nuqqas ta' irbit bidel dan in-nuqqas f'kollass totali u katastrofiku. Ma jirriżultax li l-perit Adriana Zammit għamletx il-kalkoli neċessarji biex tassigura li d-diżinn, u l-ispeċifici, kienu jassiguraw l-istabbilta' tal-ħitan u tal-binja kollha. Għalavolja l-unika pjanta bid-dettalji[36] (Pjanta **Dok.11** f'dan ir-rapport) turi l-ħadid bejn il-planki, mkien ma jidhru struzzjoni dwar kif dan il-ħadid kellu jittermina fuq il-ħitan, biex jipprovdi l-irbit meħtieġ. Fil-fatt, għalavolja hemm speċifikat il-ħadid fis-soqfa tal-konkos, jew fit-travi, mkien ma hemm indikat kif dan il-ħadid kien se jintrabat, hekk kif meħtieg mill-"istandards" ta' diżinn spjegati hawn fuq, biex il-binja jkollha r-resiljenza meħtieġa, jiġifieri li, f'każ ta' inċident f'parti mill-istruttura, ma jkunx hemm kollass katastrofiku. Il-pjanta tad-dettalji hija nieqsa kompletament minn apprezzament ta' kif, fil-fatt, l-istess binja kellha tintrabat kollha flimkien. U, la ma kienx hemm l-istruzzjonijiet speċifiċi, dan l-irbit, bejn il-ħadid fil-planki u l-"ispreader beam" jew il-blajjet, jew bejn il-ħadid fis-soqfa u l-ħitan u travi, ma sarx, kif jixhdu ir-ritratti **Dok.49, 50, 51, 52, 53 u 58**, f'dan ir-rapport.

Il-perit Adriana Zammit naqset ukoll li tagħmel ispezzjoni tal-proċess ta' kostruzzjoni, biex tkun ċerta li l-ħaddiema, u min kien qed imexxihom, jifhmu l-

[36] Kemm eżebita minn Matthew Schembri fis-seduta ta' 6 ta' Diċembru, u kemm li nstabet f'Dok. AZ1

importanza ta' ċerti dettalji ta' kostruzzjoni, u biex tkun ċerta li d-diżinn tagħha kien qiegħed ikun segwit fis-sħih, biex anke forsi tinduna aħjar il-bżonn ta' xi tibdiliet fil-konfigrazzjoni tal-binja li kienet iddiżinjat.

(a) L-espert sottoskritt huwa għalhekk ta' l-opinjoni li l-perit Adriana Zammit naqset li turi dik il-ħila u sengħa professjonali li hija meħtieġa, skont ir-responabiltajiet li assumiet bħala perit, fid dawl ta' l-Art. 1638 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta..

(b) Bennej mgħallem, fuq is-sit, bi biżżejjed esperjenza biex jifhem is-sinifikat ta' l-għoli u t-tul tal-ħitan, u l-aperturi fihom, u s-sinifikat ta' l-irbit bejn żewġ qoxriet ta' ħajt dobblu, l-irbit bejn il-ħitan, u l-irbit bejn soqfa u ħitan, huwa importanti biex b'hekk jista' jallerta l-perit dwar l-affarijiet li, skont hu, ma jkunux skont prassi għaqlija. In-nuqqas ta' bennej bil-liċenzja, jew kwalunkwe kwalifika formali oħra, fuq is-sit, ċertament ikkontribwiet għal sitwazzjoni li wasslet għall-kollass. Ġie stabbilit[37] li John Muscat, li suppost kien il-bennej bil-liċenzja fuq is-sit, ma ffirmax l-Avviż ta' Bidu, biex jikkonferma li huwa kien se jieħu din ir-responsabbilta' Mir-riżultanzi ta' Joe Mallia, espert kaligrafiku,[38] l-firma ta' John Muscat kienet iffalsifikata minn Matthew Schembri, li, mill-provi jirriżulta li huwa n-neputi ta' John Muscat[39]. L-espert sottoskritt għalhekk huwa ta' l-opinjoni li Matthew Schembri[40] naqas billi ffalsifika l-firma tal-bennej bil-liċenzja.

(c) Matthew Schembri u Kurt Buhagiar konsegwentement naqsu li jappuntaw bennej bil-liċenzja, jew persuni bi kwalifiċi tekniċi ekwivalenti, biex imexxu x-xogħol fuq is-sit. Dana oltre l-fatt li ma għamlux in-Notifiċi meħtieġa lill-Awtorita' għas-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, (pero' dan l-aħħar fatt

[37] Rapport ta' Joseph Mallia espert tal-kaligrafia mqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti, u kominkat lill-espert sottoskritt skont digriet tat-12 ta' Ġunju 2023.
[38] Seduta tas-6 ta' Diċembru 2022
[39] Kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid ta' Matthew Schembri, eżebit bżala Dok. PC1, minn Paula Camilleri fis-seduta ta' 3 ta' Mejju 2023, omm Matthew Schembri hija Rita Schembri; miċ-ċertikat tat-twelid ta' Rita Schembri nee Muscat, eżebit bħala Dok. IC2, u ċ-ċertifkat taż-żwieg Dok. IC3, eżebiti minn Ignatius Ciantar fis-seduta ta' 29 ta' Mejju 2023, u miċ-ċertifikat tat-twelid ta' John Muscat IC1, eżebit minn Ignatius Ciantar, 27 ta' Marzu 2023 , Rita Schembri u John Muscat għandhom l-istess ġenituri.
[40] Rapport ta' Joseph Mallia espert tal-kaligrafia mqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti, u komunikat lill-espert sottoskritt skont digriet tat-12 ta' Ġunju 2023.

m'huwiex fatt li kkontribwixxa direttament għall-kollass). Kien ukoll l-obbligu tal-Perit Adriana Zammit li tassigura li kien mqabbad bennej bil-liċenzja, billi żżomm l-oriġinal ta' l-Avviż ta' Bidu, kif ukoll billi tfittex li tagħti struzzjonijiet lill-persuna li suppost kienet fuq is-sit, li kellha s-sengħa meħtieġa. Ladarba ma ħatrux is-"supervisor" meħtieġ mir-Regolamenti[41] ir-responsabilitajiet ta' dawn ir-Regolamenti skont il-liġi waqgħu fuq il-klijenti, AllPlus Ltd u d-diretturi ta' din is-soċjeta'; u għalhekk, il-ksur tar-regolamenti f'L.S. 424.36 hija responsabbilta' ta' Matthew Schembri u Kurt Buhagiar – dan jinkludi n-nuqqas ta' stekkat effettiv, n-nuqqas ta' tagħmir protettiv personali, n-nuqqas tas-senjaletika meħtieġa. Skont Regolament 10 (a) tal-L.S. 424.36, il-kuntrattur lanqas ma jista' jibda xi xogħol qabel ma jkun assigurat li kien nħatar is-"supervisor" tal-proġett skont Regolament 3 ta' l-istess L.S.424.36.

Id-direzzjoni tal-kuntrattur, (fit-test ingliż, Art. 1638 Kodiċi Ċivili, "contractor", fit-test malti "appaltatur"), kif hija intiża fil-Kodiċi Ċivili, - li skont ix-xhieda ta' Matthew Scehmbri u Kurt Buhagiar suppost kien mqabbad MilMar Construction Limited, u d-direttur ta' din is-soċjeta, Milomir Jovicevic - kienet effettivament kompletament nieqsa, bir-rwol ta' MilMar Construction Limited limitat prattikament biex tipprovdi mano d'opera; u dan, b'ħaddiema li ma irriżultax li kellhom it-taħriġ meħtieġ. Ir-rwol effettiv ta' direzzjoni tax-xogħolijiet, u d-direzzjoni tal-ħaddiema, jiġifieri ta' "kuntrattur", jidher mix-xhieda konsistenti tal-ħaddiema, u mill-messaġġi WhatsApp tal-grupp KW70, li għamlu Matthew Schembri, li kien wieħed mid-diretturi u azzjonisti ta' AllPlus Limited. Fil-fatt, r-rwol ta' organizazzjoni ta' xogħol, xiri ta' materjal, inġenji, eċċ. aktar jidher li għamliethu AllPlus Ltd., (u anke WhiteFrost Ltd.) .

Ma jirriżultax li Matthew Schembri kellu r-rekwiżiti tekniċi biex imexxi sit ta' kostruzzjoni. Jidher li kien biss jagħmilha ta' "conduit" biex l-istruzzjonijiet tal-perit jasslu fuq is-sit, u biex jordna il-materjali meħtieġa. Pero lanqas hu ma kien ikun fuq is-sit b'mod kontinwu, u fil-fatt xehed li xi kultant kienu jibagħtulu ritratti biex jgħidulu fejn ikun waslu bix-xogħol – minn Settembru 2022 'il quddiem, dan

[41] Regolamenti 3(1) u 3(5), ta' L.S. 424.36

il-persuna kien Jean Paul Sofia, kif joħroġ mir-ritratti, (Anness Dok. F), vidjo u messaġġi awdjo (Dok.J) fl-iskambji WhatsApp bejniethom[42], għalavolja dan lanqas kien impjegat la ta' AllPlus Limited u lanqas ta' MilMar Construction Limited.

Ir-rwol ta' WhiteFrost Co. Limited baqgħet aktar m'hux ċara, imma din- is-soċjeta' ċertament kellha rwol sinifikanti, anke jekk la mix-xhieda jew lanqas min xi dokument ma tissemma' bħala li kellha xi rwol ta' kuntrattur tal-proġett. Huwa ċert li xi materjal ġie ordnat minn din is-soċjeta', imma m'hijiex ċara r-relazzjoni bejn il-klijent tal-proġett, AllPlus Limited, u WhiteFrost Co. Limited, ħlief li Matthew Schembri huwa Direttur, u azzjonist, tat-tnejn[43]. Il-vittma, Jean Paul Sofia, kien impjegat ta' WhiteFrost Co. Limited; huwa żar il-post darbtejn, dakinhar tal-kollass. L-ewwel darba jidher li kien qiegħed isuq van ta' WhiteFrost Co. Limited biex iġorr xi materjal lejn, u 'il hemm mis-sit. It-tieni darba, jidher li telgħa fuq il-bejt biex jara x-xogħol, u jieħu ritratti ta' l-istess xogħol. Fil-mobajl tal-vittma jidhru ħafna ritratti tal-progress tax-xogħol ta' dan is-sit (kif ukoll ta' oħrajn), u hemm skambji fil-mobajl ta' Jean Paul Sofia[44] li juru li dawn ir-ritratti jew videjo kienu jiġu kkomunikati lis-sid ta-xogħol tiegħu Matthew Schembri, biex dan ta' l-aħħar jagħraf il-progress tax-xogħol. Dan ifisser li anke is-Site Manager kien jsegwi is-sit bir-ritratti, bir "remote".

Jekk Jean Paul Sofia ma kienx wieħed mill-ħaddiema li kienu qed jaħdmu fuq is-sit, kif seta' jidħol u joħroġ, ġo u minn sit intrinsakment perikoluż, mingħajr ebda kontroll jew awtorizazzjoni, u l-ebda tagħmir protettiv personali? L-impjieg ta' ħaddiema li ma kellhomx l-esperjenza f'dan ix-xogħol huwa nuqqas kemm tal-kuntrattur li qabbadhom, kif ukoll tas-sistema, li waqt li tagħmel ħafna kontrolli fuq ħafna affarijiet, ma tagħmel l-ebda kontrolli fuq min jaħdem fuq siti ta' kostruzzjoni, li huma intrinsikament perikolużi.

---

[42] Anness Dok, F, maqsum minn ritratti F1 sa F10 skont d-dati li ġew meħuda, u Dok. J

[43] Mix-xhieda ta' Claudio Diacono, u l-estratt mill-Malta Business Registry, eżebit bħala Dok. DG1, fis-seduta ta' 9 ta' Frar 2023, jirriżulta li Matthew Schmebri huwa azzjonist, direttur u "legal representative" ta' WhiteFrost Co. Limited.

[44] Mobajl elevat mis-sit mill-Protezzjoni Ċivili, u l-kontenut estratt mill-espert Keith Cutajar, u mqiegħed għad-disposizzjoni ta' l-espert sottoskritt, skont Digrieti tal-Maġistrat Inkwirenti tas-7 ta' Mejju 2022. Ara Anness Dok. F.

(d) L-espert sottoskritt huwa ta' l-opinjoni li l-kuntrattur, Milomir Jovicevic, bħala direttur ta' MilMar Construction Limited, li skont ix-xhieda ta' Matthew Schembri u Kurt Buhagiar[45] suppost kien il-kuntrattur, naqas li jieħu kontroll effettiv tal-proġett ta' kostruzzjoni, u jipprovdi ħaddiema mħarrġa u tas-sengħa; u għaldaqstant jġorr responsabbilta' dwar dak li ġara, skont l-Art. 1638 tal-Kodiċi Ċivili.

**Konsiderazzjonijiet tal-Magistrat Inkwerenti**

*Preliminari – L-Iskop tal-Inkjesta in genere*

Fl-ewwel lok, il-Magistrat sottoskritta thoss li jkun opportun li tiddelinea l-parametri li fiha ezercitat il-poteri u qdiet id-doveri taghha bhala Magistrat Inkwerenti f'din l-inkjesta *in genere*, li giet miftuha ai termini tal-Artikolu 546(1) tal-Kodici Kriminali.

L-Artikolu 546(1) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk:

*"Bla hsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli li jigu minnufih wara dan, wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ta' reat li jista' jinghata l-piena ta' prigunerija ghal izjed minn tlett snin, u jekk is-suggett materjali tar-reat ikun ghadu jezisti, ghandu jigi deskritt l-istat tieghu, bid-dettalji kollha wiehed, wiehed, u ghandu jigi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jgib l-effett. Ghall-finijiet ta' kull investigazzjoni bhal din, ghandu jsir access fuq il-post."*

Minn din id-disposizzjoni jirrizulta li t-tlett rekwiziti sabiex tinfetah inkjesta *in genere* huma s-segwenti:

1. li jsir rapport, denunzja jew kwerela lil Magistrat,
2. dwar reat li ghalih tista' tinghata l-piena ta' aktar minn tlett snin prigunerija, u
3. is-suggett materjali tar-reat ikun ghadu jezisti.

[45] Seduta tas-6 ta' Diċembru 2022.

Minn din id-disposizzjoni jirrizulta wkoll li l-ghan tal-inkjesta *in genere* huwa li:

1. jigi deskritt l-istat tas-suggett materjali, bid-dettalji kollha wiehed, wiehed; u
2. jigi imsemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jgib l-effett.

Il-mod ta' kif tista' tinfetah u kif ghandha tigi kondotta l-inkjesta *in genere* jinsab preskritt fl-Artikolu 546 sal-Artikolu 569 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat fid-dettal l-iskop tal-inkjesta *in genere* u r-rwol tal-Magistrat Inkwerenti fis-sentenza **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Jason Calleja**, deciza fit-3 ta' Lulju 1997. F'din is-sentenza hija irriteniet hekk:

*"(I)l-Magistrat Inkwirenti fil-kors ta' l-inkjesti ... ... ma jagixxix bhala Qorti Istruttorja, izda bhala Magistrat ut sic ... ...*

*Stabbilit li l-Magistrat Inkwirenti f'inkjesta ma jagixxix bhala Qorti Istruttorja, x'inhija allura l-funzjoni tieghu? M'hemmx dubbju li l-ewwel konkluzjoni hija fl-inkjesta huwa anqas m'ghandu l-funzjoni ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Certament huwa persuna intiza mill-Ligi stess bhala ta' importanza fondamentali fil-process tar-ricerka ghall-verita, izda l-Magisrat Inkwirenti m'ghandux il-funzjoni li jistabilixxi l-htija jew l-innocenza ta' xi persuna, indizzjata jew mhijiex ... ...*

*In linea generali, il-Magistrat Inkwerenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess titolu jinvestiga ir-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi l-proces verbal, li l-Ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita u jikkonsisti principalment fil-gbir u l-preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha diretti u indiretti, li l-Magistrat jirnexxielu jidentifika bhala pertinenti ghall-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali, u kuntrarjament ghal dak li jigri f'certi sistemi kontinentali, il-Magistrat Inkwerenti mhux parti mill-pulizija u wisq anqas mill-prosekuzzjoni, anzi jidher car li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss u l-provi ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll anzi essenzjalment minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv tal-istat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita ma tkunx inkwinata minn xi interess hlief dak suprem li kollox isir skond il-haqq u l-gustizzja. Rwol dan*

*li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-Privy Council in re Regina vs George Terreni, obiter iddeskriva bhala a good way of preserving evidence.*

*S'intendi certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti irid bil-fors jehodhom, anzi jista' jigi affermat li minghajr l-ezercizzjoni ta' din il-funzjoni, l-ufficju tieghu, f'diversi kazijiet jisfa bla sens. … … Hi certament il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga okkorrendo permezz ta' esperti, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx ir-reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi investigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Certament m'hix il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew probabbilment responsabbli xi hadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jagixxix qua Qorti, la ta' Istruttorja u inqas ta' Gudikatura. Izda hija certament il-funzjoni tieghu li jiddeciedi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bazi tal-provi – indipendentement mill-apprezzament taghhom – hemmx provi bizzejjed biex jinghad li xi hadd partikolari jista' possibilment ikun passibli ghal proceduri kriminali. Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, izda fil-fehma ta' din il-Qorti huwa addirittura id-dover tieghu."* (sottolinear tal-Magistrat sottoskritta).

Minn dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali huwa car li l-iskop tal-inkjesta *in genere* huwa li jigu migbura u ppreservati l-provi kollha li jistghu jkunu pertinenti sabiex jigi stabbilit jekk twettaqx xi reat, u jekk jistax ikun hemm persuna jew persuni passibbli ghal proceduri penali, meta ghandu jigi deskritt *"is-suggett materjali tar-reat bid-dettalji kollha wiehed wiehed u ghandu jigi imsemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jgib l-effett"*, kif jippreskrivi l-Artikolu 546(1) tal-Kodici Kriminali.

Mill-kunsiderazzjonijiet suesposti, huwa car li allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet ohra, huma ta' min huma, li ma jammontawx ghal reat, kif previst fl-Artikolu 546(1) tal-Kodici Kriminali, ma jaqghux fil-kompetenza tal-Magistrat Inkwerenti. Qajla hemm bzonn jinghad li l-Magistrat Inkwerenti, bhal kull awtorita pubblika ohra, stabbilita skond il-ligi, huwa subordinat ghall-istess ligi li ikkreat l-ufficju tieghu, u konsegwentement huwa jista' jezercita l-funzjonijiet u l-poteri tieghu biss entro l-parametri stabbiliti minn dik il-ligi – fil-kaz odjern il-Kodici Kriminali. Ghalkemm m'hemmx dubbju li l-Kodici Kriminali jaghti lill-Magistrat Inkwerenti poteri wiesgha u ampji hafna sabiex ikun jista' jaqdi d-doveri tieghu, huwa jista' juza biss dawn il-poteri ghal u fl-ambitu tal-iskop li ghalih gew moghtija lilu mill-istess Kodici Kriminali, u

cioe sabiex fic-cirkostanzi previsti fl-Artikoli 546(1) tal-Kodici Kriminali jigbor u jippreserva l-provi kollha sabiex jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx ir-reat, u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi investigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Ghaldaqstant il-Magistrat Inkwerenti ma jistax legalment juza dawn il-poteri ghal xi skop iehor, ghax ikun qed joltrepassa l-poteri lilu moghtija mil-ligi, u juzurpa l-funzjonijiet ta' indagni, valutazzjoni ta' provi u possibilment gudizzju li fil-qafas legali Malti hu riservat lil haddiehor.

Il-Magistrat sottoskritta ezercitat il-funzjonijiet u l-poteri taghha f'din l-inkjesta *in genere* fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti. Ghaldaqstant, is-sottoskritta, bl-assistenza tal-esperti minnha mahtura, ghamlet l-indagnijiet necessarji u ippreservat il-provi sabiex tistabilixxi jekk hemmx indizzji sufficjenti li xi persuna jew persuni huma responsabbli kriminalment ghal dan l-incident li fih tilef hajtu Jean Paul Sofia u wegghu hames haddiema ohra. Ghar-ragunijiet fuq moghtija, din l-inkjesta *in genere* ma kellhix - u lanqas legalment seta' jkollha - direttament l-iskop li tezamina jekk kienx hemm ukoll *in gioco* nuqqasijiet amministrattivi u/jew legislattivi. Ghalkemm il-provi migbura mis-sottoskritta jindikaw nuqqasijiet istituzzjonali, fis-sistema u anki legislattivi – kif jirrizulta anke mir-rapport tal-espert Perit Prof. Alex Torpiano - dan hu sekondarju ghall-ghanijiet ta' din l-inkjesta *in genere* bhala parti mill-investigazzjoni kriminali. Dawn in-nuqqasijiet jistghu talvolta jifformaw il-mertu ta' investigazzjonijiet ohra mill-awtoritajiet kompetenti skond il-ligi.

*Il-Provi Migbura*

Il-provi migbura f'din l-inkjesta, il-fatti li taw lok ghal dan l-incident u l-ligijiet li kienu vigenti fid-data tal-incident gew kollha korrettement riprodotti fir-rapport tal-espert Perit Prof. Alex Torpiano. Ghaldaqstant, a skans ta' ripetizzjoni inutli hija qieghda taghmel ampja riferenza ghal dan ir-rapport fl-interità tieghu (liema rapport fih mija u erba' u ghoxrin (120) faccata, apparti l-annexes), u mhux limitatament ghall-partijiet fuq citati, liema rapport ghandu jitqies li jifforma parti integrali ta' dan il-proces verbal, peress li l-Magistrat sottoskritta taqbel pjenament mal-fatti kif esposti, mal-ligi applikabbli, u mal-konluzzjonijiet tal-imsemmi espert Perit.

Is-sottoskritta ser tillimita ruhha biss ghal zewg kjarifiki, kif ukoll se tirrileva fatti li sehhew wara l-incident, li pero jistghu ikunu relevanti fil-futur.

*Kjarifika ta' natura fattwali – Ismijiet tal-Persuni Involuti*

Mill-provi prodotti mill-awtoritajiet kompetenti u pprezentati in atti jirrizulta li l-ismijiet korretti tal-haddiema li kienu fuq is-sit mertu ta' din l-inkjesta u wegghu dak in-nhar tal-incident huma s-segwenti:

Vladimir Laketic (Karta tal-Identita Numru: 31524A), Gentjan Carku (Karta tal-Identita numru: 286829A), Lulzim Carku (Karta tal-Identita Numru 225447A), Denis Carku (Karta tal-Identita numru: 361998A) u Sammy David Curtis (Karta tal-Identita Numru: 169801L).

Billi meta iddahhlu l-isptar Mater Dei dak in-nhar tal-incidenti n-numru tal-karta tal-identita tal-haddiema barranin ma kienx maghruf, Vladimir Laketic inghata in-numru uniku tal-Isptar 1152742F, Gentjan Carku inghata n-numru uniku tal-Isptar 0361074F, Lulzim Carku n-numru uniku tal-Isptar 1152738F u Denis Carku inghata n-numru uniku tal-Isptar 1152739F.

Jirrizulta wkoll mill-provi, li isem wiehed mid-diretturi ta' Milmar Construction Ltd huwa Milomir Jovicevic (Karta tal-Identita Numru: 178806A).

Dan qed jinghad ghal kull buon fini sabiex jigi evitat kwalunkwe ekwivoku, ghaliex waqt li kienet qed tirredigi dan il-proces verbal, il-Magistrat Inkwerenti osservat li xi kultant fl-atti hemm xi zbalji zghar fit-typing tal-ismijiet tal-persuni barranin imsemmija.

*Kjarifika ta' natura legali – Id-Dritt ghal Disclosure tal-materjal*

Kif jirrizulta mill-verbali u r-rikors relattivi, li meta l-Magistrat Inkwerenti infurmat lix-xhieda l-Perit Adriana Zammit u Matthew Schembri li kienu indizzjati potenzjali, huma irrifjutaw li jaghtu d-deposizzjoni taghhom jekk is-sottoskritta ma ittihomx access ghall-materjal relevanti ghall-kaz rispettiv taghhom – dak li huwa komunament maghruf bhala d-disclosure tal-

materjal. Fil-kaz tax-xhud John Muscat, dan irrifjuta li jaghti kampjun tal-firma tieghu lill-espert kalligrafu jekk qabel ma jinghatax tali disclosure.

Kif inghad aktar il-fuq, fil-kaz tat-talba tal-Perit Adriana Zammit u ta' John Muscat, il-Magistrat Inkwirenti cahdet it-talba taghhom ghax irrilevat *inter alia* illi ai termini tal-proviso tal-Artikolu 518 tal-Kodici Kriminali, hija prekluza milli taghti kwalsiasi informazzjoni dwar il-provi minnha migbura fl-inkjesta. Huwa biss l-Avukat Generali li jista jaghmel dan wara li tinghalaq l-inkjesta.

Fis-seduta tad-9 ta' Frar 2022, l-avukati difensuri ta' Matthew Schembri talbu li jaghmlu nota aktar dettaljata dwar it-talba taghhom sabiex Matthew Schembri jinghata disclosure. Fil-fatt, huma ipprezentaw nota ta' riferenzi fit-3 ta' Marzu 2023, fejn ghamlu riferenza ghas-segwenti erba' (4) sentenzi tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li fuqhom sejsu s-sottomissjoni taghhom li suspettat ghandu dritt ghal disclosure tal-provi migbura fl-atti tal-inkjesta dwar l-*in genere* qabel ma jixhed:

1. **Panovits v. Cyprus**, App. No. 4268/04 (ECtHR, 11 ta' Marzu 2009)
2. **Talat Tunc v. Turkey**, App. No. 32432/96 (ECtHR, 27 ta' Gunju 2007)
3. **Padalav v. Bulgaria**, App. No. 54784/00 (ECtHR, 10 ta' Novembru 2006)
4. **Foucher v. France**, App. No. 22209/93 (ECtHR, 18 ta' Marzu 1997)

Minn qari ta' dawn is-sentenzi jirrizulta li l-kaz **Panovits** huwa dwar id-dritt tal-assistenza legali qabel l-interrogatorju, fil-waqt li l-kazijiet **Talat Tunc u Padalav** huwa dwar id-dritt tal-imputat ghall-ghajnuna legali. Ghalhekk dawn it-tlett sentenzi huma totalment irrelevanti ghall-kwisjoni tal-ghoti tad-disclosure. Is-sottoskritta tirrileva illi Matthew Schembri kien infurmat li bhala indizzjat potenzjali ghandu d-dritt li ghall-assistenza legali waqt ix-xhieda tieghu, u effettivament gie ghas-seduta tad-9 ta' Frar 2022 akkumpanjat b'zewg avukati. Ghal kull buon fini il-Qorti tirrileva li fis-seduta precedenti tas-6 ta' Dicembru 2022, Matthew Schembri wkoll insista li meta jixhed jkun akkumpanjat minn zewg avukati u li jinghata s-solitu twissija qabel ma jixhed – kif effettivament sar - ghalkemm f'dak l-istadju bikri ta' din l-inkjesta ma kienx indizzjat potenzjali.

Il-kaz **Foucher** jitratta id-dritt tal-imputat li jkollu kopja tal-process kriminali fil-proceduri kriminali pendenti kontrieh fil-Qorti. F'dan il-kaz l-applikant kien diga tressaq il-Qorti mixli b'reat. Ghaldaqstant, il-fattispecje fil-kaz **Foucher** huma totalment differenti mill-kaz odjern, fejn id-disclosure qed tintalab fl-istadju tal-investigazzjoni mill-Magistrat Inkwerenti, u l-proceduri kriminali fil-Qorti ghandhom ma nbdewx.

Hafna iktar rilevanti ghall-kwistjoni odjerna hija s-sentenza **A.T. v. Luxembourg** (App. No. 3040/13), deciza mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 t'April 2015. F'dan il-kaz, l-applikant ilmenta li kien gie lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, stante li meta gie interrogat l-ewwel darba mill-imhallef investigatur, huwa ma inghatax access ghall-file tieghu. Il-Qorti Ewropea ezaminat dan l-ilment anke fid-dawl tal-Artikolu 7 tad-Direttiva Ewropea 2012/13 fuq id-dritt ghall-informazzjoni fi proceduri kriminali. Dan l-Artikolu 7 jippreskrivi hekk:

*"1. Where a person is arrested and detained at any stage of the criminal proceedings, Member States shall ensure that documents related to the specific case in the possession of the competent authorities which are essential to challenging effectively, in accordance with national law, the lawfulness of the arrest or detention, are made available to arrested persons or to their lawyers.*

*2. Member states shall ensure that access is granted to at least to all material evidence in the possession of the competent authorities, whether for or against suspects or accused persons, to those persons or their lawyers in order to safeguard the fairness of the proceedings and to prepare the defence.*

*3. Without prejudice to paragraph 1, access to the materials referred to in paragraph 2 shall be granted in due time to allow the effective exercise of the rights of the defence and at the latest upon submission of the merits of the accusation to the judgement of a court. Where further material evidence comes into the possession of the competent authorities, access ghall be granted to it in due time to allow for it to be considered."*

Fil-kaz **A.T. v. Luxembourg**, il-Qorti Ewropea irriteniet hekk:

*"79. ... ... The Court reiterates that restrictions on access to the case file at the stages of instituting criminal proceedings, inquiry and investigation may be justified by, among other things, the necessity to preserve the secrecy of the data possessed by the authorities, and to protect the rights of the other persons (see mutatis mutandis, Olesky Mykhaylovych Zakharkin v. Ukraine, no. 1727/04,* §72, 24 June 2010) ... ...

*80. ... ... As regards the Directive, the Court merely notes that the first paragraph of Article 7 of the text concerns the lawfulness of arrest and detention, which is covered by Article 5 of the Convention. The issue at stake in the present case is respect for the defence rights of the persons "charged with a criminal offence" within the meaning of Article 6 of the Convention. In that connection, paragraph 3 of Article 7 of the Directive provides that access to the materials referred to in paragraph 2 must be 'granted in due time to allow the effective exercise of the rights of the defence and at the latest upon submission of the merits of the accusation.'*

*81. The Court considers that Article 6 of the Convention cannot be interpreted as guaranteeing unlimited access to the criminal case file before the first interrogation by the investigating judge where the domestic authorities have sufficient reasons relating to the protection of the interests of justice not to impede the effectiveness of the investigation."*

L-Artikolu 7 tad-Direttiva Ewropea 2012/13 gie transpost kelma b'kelma fil-ligi Maltija bl-Att IV tal-2014 u llum jinsab fl-Artikolu 534AF tal-Kodici Kriminali.

Fid-dawl tal-insenjament tal-Qorti Ewropea fil-kaz **A.T. vs. Luxembourg** kif ukoll in vista ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 534AF tal-Kodici Kriminali, il-Magistrat Inkwerenti kienet tal-opinjoni – illi apparti dak preskritt fl-Artikolu 518 tal-Kodici Kriminali – ma kienx opportun li Matthew Schembri, jew ix-xhieda l-ohra del resto – jinghataw disclosure, stante li tali disclosure kien zgur ser jippregudika l-indagni li kienet qed taghmel is-sottoskritta bl-assistenza tal-esperti minnha mahtura, u li kienet ghadha mhux mitmuma. Billi kien ovvju li Matthew Schembri kien ser jezercita d-dritt tieghu ghas-silenzju, jekk it-talba tieghu sabiex jinghata disclosure tigi michuda, is-sottoskritta kienet tal-opinjoni li ma kien hemm ebda utilita li tordna li Matthew Schembri jerga' jitharrek bhala xhud.

Is-sottoskritta qed tati din l-ispjegazzjoni sabiex il-posizzjoni li hadet hija fir-rigward tat-talba ta' Matthew Schembri sabiex jinghata disclosure tal-materjal tal-kaz qabel ma jixhed tkun cara.

*Fatti li sehhew wara l-incident*

Meta l-Magistrat sottoskritta kienet qieghda tezamina l-WhatsApp chats fil-mobile tal-Perit Adriana Zammit, intebhet li c-chats li hemm bejn il-Perit Adriana Zammit u certu "Christian" mit-3 ta' Jannar 2023 il-quddiem, u li jinsabu fir-rapport tal-espert Keith Cutajar, jindikaw li l-Perit Adriana Zammit bdiet titrasferixxi ammonti sostanzjali ta' flus kif ukoll proprjeta immobbli lil terzi persuni, kif ukoll li hija bdiet tara kif ser tiddisponi mill-flus li ghandha. F'dan l-istadju dan il-fatt fih innifsu ma jikkostitwix reat.

Pero dan il-fatt jista' possibilment jkun relevanti fil-futur, fl-eventwalita li xi persuna jew persuni jigu kanonizzati kredituri tal-Perit Adriana Zammit in konnessjoni ma' dan l-incident, ghaliex mill-istess chats hemm indizzji li l-Perit Zammit ghamlet/qed taghmel dan sabiex tistultifika d-drittijiet ta' kredituri potenzjali futuri. Allura fil-futur, dan l-agir tal-Perit Zammit jista', jekk ikun il-kaz, jigi investigat ulterjorment, biex wiehed jara jekk jissussistxi ir-reat ta' frodi.

**Konkluzjoni**

Fid-dawl tal-provi migbura u tar-rapporti tal-esperti minnha mahtura, il-Magistrat sottoskritta tikkonkludi li hemm indizzji sufficjenti sabiex - okkorrendo wara investigazzjoni ulterjuri mill-Pulizija u l-awtoritajiet l-ohra kollha kompetenti - jittiehdu passi kriminali kontra s-segwenti persuni:

(i) kontra il-Perit Adriana Zammit (Karta tal-Identita numru 135888M), Matthew Schembri (Karta tal-Identita Numru 73785M u Kurt Buhagiar (Karta tal-Identita Numru: 319784M) entrambe fil-kapacita taghhom personali u/jew fil-kapacita taghhom ta' diretturi tas-socjeta Allplus Limited (C93876), l-istess Matthew Schembri fil-kapacita tieghu ta' direttur tas-socjeta Whitefrost Company Limited (C11014) u Milomir Jovicevic (Karta tal-Identita Numru: 178806A) fil-kapacita tieghu personali u/jew fil-kapacita tieghu ta' direttur tas-socjeta Milmar Construction Ltd (C94812), u Dijana Jovicevic (Karta tal-Identita Numru: 148221L) fil-kapacita taghha ta' direttur tal-istess Milmar Construction Ltd talli:

1. fit-3 ta' Dicembru 2022 gewwa s-sit ta' kostruzzjoni KKW70, Qasam Industrijali ta' Kordin, Kordin, Paola, Malta, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunaw il-mewt ta' Jean Paul Sofia (Karta tal-Identita Numru 291502L) kif ukoll offiza fuq il-persuni ta' Vladimir Laketic (Karta tal-Identita Numru: 31524A), Gentjan Carku (Karta tal-Identita numru: 286829A), Lulzim Carku (Karta tal-Identita Numru 225447A), Denis Carku (Karta tal-Identita numru: 361998A) u Sammy David Curtis (Karta tal-Identita Numru: 169801L) (Artikolu 225(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunaw offiza gravi fuq il-persuni ta' Vladimir Laketic (Karta tal-Identita Numru: 31524A), Gentjan Carku (Karta tal-Identita numru: 286829A), Lulzim Carku (Karta tal-Identita Numru 225447A) u Denis Carku (Karta tal-Identita numru: 361998A) kif ukoll offiza hafifa fuq il-persuna ta' Sammy David Curtis (Karta tal-Identita Numru: 169801L) (Artikolu 226(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

(ii) kontra Matthew Schembri (Karta tal-Identita Numru 73785M) wahdu talli:

3. Fix-xhur ta' bejn April u Mejju 2020, f'dawn il-gżejjer għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, u cioe iffalsifika l-firma ta' John Muscat (Karta tal-Identita numru: 278353M) fuq l-Avviz tal-Bidu (*Commencement Notice)* tal-permess tal-bini numru: Decision Notice (DN) 360/20 rigwardanti s-sit KKW70, Qasam Industrijali ta' Kordin, Kordin, Paola. (Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

4. talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement għamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fil-paragrafu ta' qabel, u cioe l-Avviz tal-Bidu (*Commencement Notice)* tal-permess tal-bini numru: Decision Notice (DN) 360/20 rigwardanti l-fond KKW70, Qasam Industrijali ta' Kordin, Kordin, Paola. (Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

5. talli fl-istess perjodu u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju għalih jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz, u cioe fl-Avviz tal-Bidu (*Commencement Notice)* tal-permess tal-bini numru: Decision Notice (DN) 360/20 rigwardanti s-sit KKW70, Qasam Industrijali ta' Kordin, Kordin, Paola. (Artikolu 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

6. kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra u/jew xjentement għamel uzu minn xi dokument ieħor falsifikat, u cioe l-Avviz tal-Bidu (*Commencement Notice)* tal-permess tal-bini numru: Decision Notice (DN) 360/20 rigwardanti s-sit KKW70, Qasam Industrijali ta' Kordin, Kordin, Paola. (Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

(iii) Matthew Schembri (Karta tal-Identita Numru 73785M u Kurt Buhagiar (Karta tal-Identita Numru: 319784M) entrambe fil-kapacita taghhom personali u/jew fil-kapacita taghhom ta' diretturi tas-socjeta Allplus Limited (C93876), l-istess Matthew Schembri fil-kapacita tieghu ta' direttur tas-socjeta Whitefrost Company Limited (C11014) u Milomir Jovicevic (Karta tal-Identita Numru: 178806A) fil-kapacita tieghu personali u/jew fil-kapacita tieghu ta' direttur tas-socjeta Milmar Construction Ltd (C94812), u Dijana Jovicevic (Karta tal-Identita Numru: 148221L) fil-kapacita taghha ta' direttur tal-istess Milmar Construction Ltd talli:

7. fit-3 ta' Dicembru 2022 gewwa s-sit ta' kostruzzjoni KKW70, Qasam Industrijali ta' Kordin, Kordin, Paola, Malta, u fil-granet, gimghat, xhur u s-snin ta' qabel, bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jharsu is-sahha u s-sigurta tal-impjegati taghhom, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol, li jkun qed isir ghalihom, bhala l-persuni li jhaddmu, u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol. (Artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta).

8. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu naqsu li jipprovdu dik l-informazzjoni, dak it-taghlim, dak it-tahrig u dik is-supervizjoni li huma mehtiega biex tigi zgurata s-sahha u s-sigurta fuq il-postijiet tax-xoghol. (Artikolu 6(3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu naqsu li jizguraw s-sahha u s-sigurta tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol u li jaghmlu arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazjoni, kontroll, monituragg u revizjoni tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidraw n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriza, u naqsu wkoll li jiehdu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta fuq il-post tax-xoghol, u naqsu wkoll li jipprevjenu riskji fuq il-post tax-xoghol u li jipprovdu informazzjoni u tahrig mehtieg. (Regolament 4(1)(2) u (3) tal-Ligi Sussidjarja 424.18 tal-Ligijiet ta' Malta)

10. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu naqsu illi wara li jikkunsidraw n-natura tal-attivitajiet tal-impriza u/jew tal-istabbiliment,

jidentifikaw l-perikoli fuq il-post tax-xoghol u jevitaw riskji ghas-sahha u s-sigurta, jevalwaw dawn ir-riskji li ma jistghux jigu evitati u jikkontrollawhom mill-bidu u jaddattaw ix-xoghol ghall-individwu (Regolament 5(a)(b)(c) tal-Ligi Sussidjarja 424.18 tal-Ligijiet ta' Malta)

11. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jevalwaw il-kapacitajiet tal-haddiema sabiex iwettqu x-xoghol assenjat lilhom minghajr perikli kif ukoll naqsu milli jiehdu l-passi xierqa sabiex jizguraw li jkunu biss dawk il-haddiema li jkunu rcevew taghrif adegwat u xieraq li jkollhom access ghal postijiet fejn ikun hemm periklu serju u specifiku (Regolament 6(1)(4) tal-Ligi Sussidjarja 424.18 tal-Ligijiet ta' Malta)

12. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu, naqsu li jaghmlu, jew li jizguraw li ssir evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw r-riskji ghas-sahha u s-sigurta tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza (Regolament 10(1) tal-Ligi Sussidjarja 424.18 tal-Ligijiet ta' Malta)

13. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu, naqsu li jiddeciedu dwar il-mizuri protettivi xierqa ghan-natura tax-xoghol imwettaq li jehtieg li jittiehdu wara evalwazzjonijiet bhal dawn u, jekk ikun necessarju, dwar it-taghmir protettiv li ghandu jintuza. (Regolament 10(3) tal-Ligi Sussidjarja 424.18 tal-Ligijiet ta' Malta)

14. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jizguraw li taghmir prottetiv personali kellu jintuza meta r-riskji ma setghux jigu evitati jew limitati bizzejjed minn mezzi teknici ta' protezzjoni kollettiva jew mizuri, metodi jew proceduri ta' organizzazzjoni tax-xoghol, jew xort'ohra mehtieg mill-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 424; naqsu li jizguraw li kull taghmir protettiv personali jkun ihares id-dispozizzjonijiet specifikati fir-regolamenti dwar it-taghmir protettiv personali; naqsu li jizguraw li fejn hemm il-prezenza ta' aktar minn riskju wiehed

fejn jehtieg li haddiem jilbes fl-istess hin aktar minn oggett wiehed ta' taghmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti; naqsu wkoll li jistabilixxu l-kundizzjonijiet ta' uzu ta' taghmir protettiv personali, b'mod partikolari ghal kemm hin ghandu jintlibes, skond il-bazi tas-serjeta tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost ghar-riskju, il-karatteristici tal-post tax-xoghol ta' kull haddiem u l-operazzjoni tat-taghmir protettiv personali; naqsu ukoll li jekk ic-cirkostanzi jehtiegu li taghmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna wahda jiehdu l-mizuri kollha xierqa sabiex jizguraw li dan l-uzu ma johloq ebda problema ta' sahha jew igjene ghall-utenti differenti; naqsu ukoll li jaghtu fuq il-post tax-xoghol informazzjoni xierqa li tiftiehem mill-haddiema kollha dwar kull oggett ta' taghmir protettiv personali mehtieg; naqsu ukoll li jizguraw li dan it-taghmir jinghata minghajr ebda hlas minn min ihaddem u jizgura li dan it-taghmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni igjentika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' bicciet mehtiega; u kif ukoll naqsu milli jaraw li qabel haddiem juza taghmir protettiv personali javzawh dwar ir-riskji li taghmir ikun qed iharsu kontrihom. (Regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10(1)(2) u 11 tal-Ligi Sussidjarja 424.21 tal-Ligijiet ta' Malta)

15. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala kuntratturi bdew xogħol relatat mal-proġett qabel ma' supervisor tal-proġett kien ġie maħtur mill-klijent skont ir-regolament 3 tal-Ligi Sussidjara 424.36 u minghajr ma hadu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja adegwata tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol (Regolament 10(a)(d) tal-Ligi Sussidjarja 424.36 tal-Ligijiet ta' Malta).

16. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu, naqsu milli jaghtu informazzjoni li tinftiehem u relevanti lill-haddiema u lir-rapprezentanti taghhom dwar ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta, il-mizuri preventivi u protettivi mehtiega fejn jidhlu r-riskji kollha identifikati u l-proceduri li ghandhom ikunu segwiti f'kaz ta' perikolu serju u imminenti prezenti fuq ix-xoghol. (Regolament 12(1) tal-Ligi Sussidjarja 424.18 tal-Ligijiet ta' Malta);

17. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, naqsu li javzaw lil Jobsplus li kienu qed ihaddmu maghhom, jew ma' xi wiehed minnhom, lil Vladimir Laketic (Karta tal-

Identita Numru: 31524A), Gentjan Carku (Karta tal-Identita numru: 286829A) u ta' Denis Carku (Karta tal-Identita numru: 361998A) (Artikolu 36 tal-Kapitolu 594 tal-Ligijiet ta' Malta)

(iv) Matthew Schembri (Karta tal-Identita Numru 73785M u Kurt Buhagiar (Karta tal-Identita Numru: 319784M) entrambe fil-kapacita taghhom personali u/jew fil-kapacita taghhom ta' diretturi tas-socjeta Allplus Limited (C93876) talli:

18. fit-3 ta' Dicembru 2022 gewwa s-sit ta' kostruzzjoni KKW70, Qasam Industrijali ta' Kordin, Kordin, Paola, Malta, u fil-granet, gimghat, xhur u s-snin ta' qabel, bhala supervisor tal-progett naqsu milli jikkomunikaw notifika minn qabel mfassla skond l-Skeda III tal-Ligi Sussidjarja 424.36 lill-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol mill-inqas erba' ġimghat kalendarji qabel ma beda x-xoghol fuq is-sit ta' kostruzzjoni imsemmi, u naqsu milli jzommu kopja tal-avviż murija b'mod ċar fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk neċessarju, jaġġornawha perjodikament. (Regolament 5(3) tal-Ligi Sussidjarja 424.36 tal-Ligijiet ta' Malta).

19. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala supervisor tal-progett naqsu li jiehdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li persuni awtorizzati biss jithallew jidhlu fil-post tal-kostruzzjoni. (Regolament 5(4)(h) tal-Ligi Sussidjarja 424.36 tal-Ligijiet ta' Malta).

Maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, il-Magistrat Inkwerenti qed taghlaq dan il-proces-verbal bir-rizultanzi li ghandha, u qed tghaqqad ma' dan il-proces-verbal ir-rapport tal-Ispettur Investigatur, ir-rapporti tal-esperti nominati, it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u l-atti kollha pprezentati quddiemha u tordna li dan l-inkartament jintbghat lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti skond il-ligi.

**Dr Marse-Ann Farrugia**
**Magistrat Inkwirenti**